II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 920/2010

tas-7 ta' Ottubru 2010

għal sistema standardizzata u sigura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni No 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto [2], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkonsultat mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE jirrikjedi lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha biex japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi rigward l-istandards tal-iskambju tad-dejta għas-sistemi ta' reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto, adottati bid-Deċiżjoni 12/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (minn hawn 'il quddiem id-Deċiżjoni 12/CMP.1), għall-istabbiliment u l-operat tar-reġistri u s-CITL.

(2) L-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (minn hawn 'il quddiem l-ETS) jirrikjedi li l-kwoti kollha jinżammu fir-Reġistru tal-Unjoni f'kontijiet amministrati mill-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat li l-unitajiet u l-kwoti ta' Kjoto jistgħu jinżammu fl-istess kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni, ir-Reġistru tal-Unjoni jrid jikkonforma wkoll għall-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għall-istandards tal-iskambju tad-dejta għas-sistemi tar-reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto, adottat bid-Deċiżjoni 12/CMP.1,

(3) L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE jirrikjedi li jiġi stabbilit reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet (minn hawn 'il quddiem ir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew EUTL) li jirreġistra l-ħruġ, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti. L-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE jirrikjedi li t-tagħrif dwar il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment, l-akkwist, il-kanċellazzjoni u l-irtirar ta' unitajiet tal-ammont assenjati, unitajiet ta' tneħħija, unitajiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ċertifikati u t-trasferiment ta' unitajiet tal-ammont assenjati, unitajiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ċertifikati jkunu disponibbli għar-reġistru tat-tranżazzjonijiet.

(4) L-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2003/87/KE jirrekjedi li titfassal sistema standardizzata u sigura ta' reġistri fil-għamla ta' databases elettroniċi u standardizzati li jkun fihom l-elementi komuni ta' dejta sabiex jittraċċjaw il-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, sabiex jipprovdu l-aċċess pubbliku u l-kunfidenzjalità kif xieraq u sabiex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda trasferiment li ma jkunx kompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-Protokoll ta' Kjoto.

(5) Kull reġistru stabbilit skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni nru 280/2004/KE għandu jkun fih mill-inqas kont wieħed ta' depożitu ta' Parti, kont wieħed tal-irtirar, u kontijiet ta' kanċellazzjoni u sostituzzjoni rikjesti skont id-Deċiżjoni

[1] ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
[2] ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.

13/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (minn hawn 'il quddiem Deċiżjoni 13/CMP.1), u r-reġistru tal-Unjoni li jżomm il-kwoti kollha skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jkun fih kontijiet amministrattivi u kontijiet tal-utent rikjesti sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva. Kull kont bħal dan għandu jinħoloq skont proċeduri standardizzati biex jiġu żgurati l-integrità tas-sistema tar-reġistri u l-aċċess pubbliku għat-tagħrif miżmuma f'din is-sistema.

(6) Kull reġistru stabbilit skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE għandu joħroġ unitajiet tal-ammont assenjati (minn hawn 'il quddiem AAUs) skont id-Deċiżjoni 13/CMP.1, filwaqt li kwoti għandhom jinħarġu fir-reġistru tal-Unjoni. Ir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE għandhom jiżguraw li jżommu depożitu ta' AAUs li jkun daqs l-ammont ta' kwoti maħruġa minnhom fir-reġistru tal-Unjoni biex jiżguraw li kwalunkwe tranżazzjoni bil-kwoti tkun tista' tiġi segwita bi trasferimenti korrispondenti ta' AAUs permezz ta' mekkaniżmu ta' approvazzjoni fl-aħħar ta' kull perjodu.

(7) Peress li l-Istati Membri ma għandhom l-ebda influwenza fuq l-ammont ta' kwoti li d-detenturi tal-kont se jagħżlu li jiddepożitaw fir-reġistri tagħhom, il-limitazzjonijiet kollha internazzjonali potenzjali fil-ġejjieni dwar l-ibbankjar ta' AAUs li jservu bħala depożitu għall-kwoti li nħarġu jikkawżaw diffikultajiet serji għal dawk ir-reġistri meta jinżammu għadd sproporzjonat ta' kwoti bħal dawk. Sabiex jiġi żgurat li r-riskji li qed jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri f'dan ir-rigward jinqasmu b'mod ugwali fost l-Istati Membri kollha, il-mekkaniżmu ta' approvazzjoni għandu jkun stabbilit b'mod tali li meta jitlesta, jinżamm ammont ta' AAUs fil-kont ta' approvazzjoni tar-reġistru tal-Unjoni li jkun daqs il-kwoti li se jiġu ddepożitati fil-perjodu 2008-12.

(8) It-tranżazzjonijiet bi kwoti fir-reġistru tal-Unjoni għandhom jitwettqu permezz ta' konnessjoni tal-komunikazzjoni li tinvolvi l-EUTL, filwaqt li tranżazzjonijiet bl-unitajiet ta' Kjoto għandhom jitwettqu permezz ta' konnessjoni ta' komunikazzjoni li tinvolvi kemm l-EUTL kif ukoll ir-reġistru tat-tranżazzjonijiet internazzjonali tal-UNFCCC (minn hawn 'il quddiem ITL). Għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-Istati Membri li ma jistgħux joħorġu l-AAUs skont il-Protokoll ta' Kjoto għax ma għandhomx impenn vinkolanti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, ikunu jistgħu jkomplu l-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fis-sistema tal-Unjoni ta' skambju tal-emissjonijiet. Tali parteċipazzjoni mhux se tkun possibbli fil-perjodu 2008-12 peress li, b'differenza minn Stati Membri oħra, dawn l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu joħorġu kwoti li huma marbutin ma' AAUs rikonoxxuti skont il-Protokoll ta' Kjoto. Tali parteċipazzjoni ugwali għandha tkun permessa permezz ta' mekkaniżmi speċifiċi fir-reġistru tal-Unjoni.

(9) L-EUTL għandu jwettaq kontrolli awtomatizzati fuq il-proċessi kollha fis-sistema tar-reġistri li jikkonċernaw il-kwoti, l-emissjonijiet verifikati, il-kontijiet u l-unitajiet ta' Kjoto, u l-ITL għandu jwettaq kontrolli awtomatizzati fuq il-proċessi li jikkonċernaw l-unitajiet ta' Kjoto biex ikun żgurat li ma jkunx hemm irregolaritajiet. Il-proċessi li jfallu f'dawn il-kontrolli għandhom jitwaqqfu biex ikun żgurat li t-tranżazzjonijiet fis-sistema tar-reġistri tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE u r-rekwiżiti elaborati skont l-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto.

(10) Għandhom jiġu applikati rekwiżiti adegwati u armonizzati dwar l-awtentikazzjoni u d-drittijiet tal-aċċess biex tkun protetta s-sigurtà tat-tagħrif miżmum fis-sistema tar-reġistri integrata u reġistrazzjonijiet li jikkonċernaw il-proċessi, l-operaturi u l-persuni kollha fis-sistema tar-reġistri.

(11) L-Amministratur Ċentrali għandu jiżgura li interruzzjonijiet fl-operat tas-sistema tar-reġistri jkunu mill-inqas possibbli billi jittieħdu l-passi raġonevoli kollha biex tkun żgurata d-disponibbiltà tar-reġistru tal-Unjoni u tal-EUTL u billi jiġu pprovduti sistemi u proċeduri sodi għas-salvagwardja tat-tagħrif kollu.

(12) Is-sistema tar-reġistri għandha tkun tista' takkomoda l-introduzzjoni tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem. Il-biċċa l-kbira tal-kompiti li ġejjin mir-reviżjoni tal-ETS, stabbilita fid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra [1], jeħtieġ li jitwettqu biss mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem. Dawk ir-rekwiżiti huma separati mill-funzjonalitajiet li jeħtieġ li jkunu stabbiliti fl-2012 minħabba l-introduzzjoni tal-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-ETS.

(13) Peress li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru huma intitolati li jċedu sett ta' kwoti differenti mill-operaturi tal-installazzjonijiet, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jiġu pprovduti b'tip ta' kont differenti, il-kont ta' depożitu tal-operatur tal-inġenju tal-ajru. Il-kwoti maħruġa skont il-Kapitolu II tad-Direttiva tal-UE ETS li jkopru l-avjazzjoni huma differenti mill-kwoti maħruġa sa issa, peress li huma jkopru l-emissjonijiet li l-biċċa l-kbira minnhom mhumiex fl-ambitu tal-Protokoll ta' Kjoto. Bħala tali, għandhom jiġu mmarkati bħala differenti minn kwoti oħrajn.

[1] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63.

(14) Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità [1] kienet tesiġi li l-unitajiet jew il-kwoti ta' Kjoto sostnuti bl-unitajiet ta' Kjoto ċeduti mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jiġu rtirati biss sal-kwantità ugwali għall-emissjonijiet tal-avjazzjoni domestika. Madankollu, peress li l-Istati Membri ma jistgħux jinfluwenzaw l-għażla ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru dwar jekk għandhomx iċedu kwoti jew unitajiet tal-Kapitolu II, għandha tiġi stabbilita sistema ċentralizzata ta' ċediment u ta' distribuzzjoni mill-ġdid li tiggarantixxi li l-unitajiet ċeduti mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jistgħu jiġu rtirati jinġabru u jintużaw primarjament biex ikopru l-emissjonijiet tal-avjazzjoni domestika tal-Istati Membri kollha b'mod ugwali. Aktar 'il quddiem l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif se jużaw kull unità hekk miġbura li tista' tiġi rtirata.

(15) Għall-iskopijiet tal-implimetazzjoni tal-analiżi tal-ETS u biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-avjazzjoni fl-2012, ikun biżżejjed li f'livell tekniku, jinġabru flimkien il-funzjonijiet preżenti tar-reġistru tal-ETS tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni teknika tal-funzjonijiet tar-reġistru tal-Protokoll ta' Kjoto bir-reġistri separati tal-Protokoll ta' Kjoto (minn hawn 'il quddiem PK) titħalla titħaddem mill-Istati Membri.

(16) Sabiex jiġu implimentati l-bidliet introdotti bid-Direttiva 2009/29/KE u biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-ETS fl-2012, ikun biżżejjed li f'livell tekniku jinġabru flimkien il-funzjonijiet preżenti tar-reġistru tal-ETS tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni teknika tal-funzjonijiet tar-reġistru bir-reġistri separati titħalla titħaddem mill-Istati Membri sakemm huwa meħtieġ. Madankollu, soluzzjoni bħal din ma tkunx kost-effettiva, peress li tkun teħtieġ il-manutenzjoni f'kull Stat Membru tal-kapaċitajiet estensivi paralleli tat-teknoloġija tal-informazzjoni li ma jkunux użati ħafna. Għalhekk, huwa l-għan tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jaħdmu flimkien lejn l-istabbiliment ta' "Sistema Konsolidata ta' Reġistri Ewropej" li tgħaqqad flimkien il-funzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni relatati ma' reġistri tal-PK tal-Istati Membri kollha.

(17) Il-modalitajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-kontabbiltà ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto u għall-possibbiltà li tiġi stabbilita s-Sistema Konsolidata ta' Reġistri Ewropej huma minġħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni fil-ġejjieni mill-Unjoni Ewropea dwar jekk timpenjax ruħha għal mira konġunta tal-Unjoni għal tnaqqis fl-emissjonijiet jew għal miri separati tal-Istati Membri għal tnaqqis fl-emissjonijiet skont kull trattat internazzjonali fil-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima.

(18) Skont l-Artikolu 19(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, hemm bżonn li jkun hemm dispożizzjoni għal proċessi għall-ġestjoni tal-bidla u tal-inċidenti għar-reġistru tal-Unjoni u l-modalitajiet xierqa għar-reġistru tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-inizjattivi tal-Istati Membri fir-rigward tat-titjib tal-effiċjenza, tal-ġestjoni tal-ispiża amministrattiva u tal-miżuri tal-kontroll ta' kwalità huma possibbli. Iż-żamma tal-kwoti kollha fir-reġistru tal-Unjoni għandha tkun minġħajr preġudizzju għaż-żamma tar-reġistri nazzjonali għal emissjonijiet mhux koperti mill-ETS u r-reġistru tal-Unjoni għandu jipprovdi l-istess kwalità ta' servizzi bħar-reġistri nazzjonali.

(19) Peress li mill-2009, l-okkorrenza ta' frodi tal-VAT, ħasil tal-flus u attivitajiet kriminali oħra żdiedet b'mod sinifikanti fis-sistema tar-reġistri kollha, hemm bżonn li jiġu pprovvduti regoli aktar dettaljati u robusti dwar il-kontroll tal-informazzjoni tal-identità provvduta minn detenturi tal-kont u minn persuni li jixtiequ jiftħu kont. Barra minn hekk, jeħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li jiċħdu l-ftuħ ta' kontijiet lil dawk li b'mod raġonevoli jiġu suspettati li jixtiequ jużaw is-sistema ta' reġistri għal skopijiet frodolenti. Fl-aħħar, ir-regoli dettaljati għandhom jiġu pprovduti biex jippermettu l-forniment minġħajr dewmien u effettiv ta' dejta lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, li b'hekk ikunu jistgħu jużaw id-dejta miksuba għal skopijiet ta' investigazzjoni.

(20) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 994/2008 tat-8 ta' Ottubru 2008 għal sistema standardizzata u sigura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] ħassar u ħa post ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004 għal sistema standardizzata u sigura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] mill-2012 'il quddiem. Peress li dan ir-Regolament jibdel sostanzjalment id-dispożizzjonijiet applikabbli mill-1 ta' Jannar 2012 dwar bosta oqsma regolati, l-interess taċ-ċarezza jirrikjedi li r-Regolament (KE) Nru 994/2008 jitħassar u jinbidel kollu kemm hu, filwaqt li tinżamm ir-revoka u s-sostituzzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2216/2004 pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 994/2008.

(21) Peress li r-Regolament (KE) Nru 2216/2004 se jibqa fis-seħħ sal-aħħar tal-2011, xi wħud mill-emendi parzjali ta' dak ir-Regolament huma meħtieġa b'effett immedjat. Dawk l-emendi jirrelataw mal-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet kriminali oħra u mal-proċess ta' ċediment ta' kwoti. Dispożizzjonijiet li ma għadhomx jintużawgħandhom jitħassru wkoll fl-interess taċ-ċarezza. Ladarba l-emendi relatati mal-attivitajiet kontra l-frodi u mal-proċess ta' ċediment ta' kwoti għandhom jiġu applikati mill-aktar fis, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

[1] ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3.

[2] ĠU L 271, 11.10.2008, p. 3.

[3] ĠU L 386, 29.12.2004, p. 1.

(22) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 2216/2004 għandu jiġi emendat kif meħtieġ b'effett immedjat. Dak ir-Regolament għandu jitħassar mill-1 ta' Jannar 2012

(23) Skont id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE [1] u d-Deċiżjoni 13/CMP.1, ir-rapporti speċifiċi għandhom ikunu ppubblikati fuq bażi regolari biex ikun żgurat li l-pubbliku jkollu aċċess għat-tagħrif miżmum fis-sistema integrata ta' reġistri, soġġett għal ċerti rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.

(24) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [dejta] [2], id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data [dejta] personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) [3] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar tad-data [dejta] personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' dik id-data [dejta] [4], għandha tkun irrispettata meta din tkun applikabbli għat-tagħrif miżmum u pproċessat skont dan ir-Regolament.

(25) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

IL-MATERJA TAS-SUĠĠETT U D-DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali kif ukoll operattivi u ta' manutenzjoni li jikkonċernaw is-sistema tar-reġistri standardizzata u sigura li tikkonsisti f'reġistri, u r-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet previst fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva /2003//87/KE u l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE. Jipprovdi wkoll sistema ta' komunikazzjoni bejn is-sistemi ta' reġistri u r-Reġistru Internazzjonali tat-Tranżazzjonijiet stabbilit, imħaddem u miżmum mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Tibdil fil-Klima (UNFCCC).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(1) "detentur ta' kont" tfisser persuna li jkollha kont fis-sistema tar-reġistri;

(2) "Amministratur Ċentrali" tfisser il-persuna maħtura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE;

(3) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet maħtura minn Stat Membru skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/87/KE;

(4) "Parti PK" tfisser Parti għall-Protokoll ta' Kjoto;

(5) "pjattaforma tal-kummerċ" hija tip ta' skambju multilaterali li tgħaqqad flimkien jew tiffaċilita l-għaqda ta' bosta interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn partijiet terzi kif definita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5], meta l-interessi mixtrija u mibjugħa huma fi kwoti jew f'unitajiet ta' Kjoto;

(6) "verifikatur" tfisser verifikatur kif iddefinit fl-Anness I, 5, (m) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE [6];

(7) "Unitajiet tal-ammont assenjati" jew "AAUs" huma unitajiet maħruġa skont l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 280/2004/KE;

(8) "Kwoti tal-Kapitolu II" huma kwoti maħruġa skont il-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE;

(9) "Kwoti tal-Kapitolu III" huma l-kwoti kollha li ma nħarġux skont il-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE;

[1] ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.
[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[3] ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
[4] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[5] ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
[6] ĠU L 229, 31.8.2007, p. 1.

(10) "CERs fuq medda twila ta' żmien" jew "lCERs" huma unitajiet maħruġa għal ħidma ta' proġett ta' afforestazzjoni jew attività ta' tkabbir mill-ġdid tal-imsaġar skont is-CDM li, soġġett għad-Deċiżjoni 5/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto, jintemmu fl-aħħar tal-perjodu tal-krediti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ħidma ta' proġett ta' afforestazzjoni jew attività ta' tkabbir mill-ġdid tal-imsaġar skont is-CDM li għaliha nħareġ;

(11) "Unitajiet ta' tneħħija" jew "RMUs" tfisser unitajiet maħruġa skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Kjoto;

(12) "CERs temporanji" jew "tCERs" huma unitajiet maħruġa għal ħidma ta' proġett ta' afforestazzjoni jew attività ta' tkabbir mill-ġdid tal-imsaġar skont is-CDM li, soġġett għad-Deċiżjoni 5/CMP.1, jiskadu fl-aħħar tal-perjodu tal-impenn tal-Protokoll ta' Kjoto li jsegwi dak li kienu nħarġu fih;

(13) "proċess" tfisser mezzi tekniċi awtomatizzati biex iwettqu azzjoni li tirrelata ma' kont jew unità f'reġistru;

(14) "tranżazzjoni" tfisser proċess li jinkludi t-trasferiment ta' kwota jew unità ta' Kjoto minn kont wieħed għal kont ieħor;

(15) "ċediment" tfisser il-kontabbiltà ta' kwota jew unità ta' Kjoto minn operatur jew operatur ta' inġenju tal-ajru għall-emissjonijiet verifikati tal-installazzjoni jew l-inġenju tal-ajru tagħha;

(16) "kanċellazzjoni" tfisser it-tneħħija definittiva ta' unità ta' Kjoto mid-detentur tagħha mingħajr ma ssir kontabbiltà tagħha għall-emissjonijiet verifikati;

(17) "tneħħija" tfisser it-tneħħija definittiva ta' kwota ta' Kjoto mid-detentur tagħha mingħajr ma ssir kontabbiltà tagħha għall-emissjonijiet verifikati;

(18) "irtirar" tfisser il-kontabbiltà ta' unità ta' Kjoto minn Parti għall-Protokoll ta' Kjoto fir-rigward tal-emissjonijiet rappurati ta' dik il-Parti;

(19) "ħasil ta' flus" tfisser l-istess kif iddefinita fl-Artikoli 1(2) tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(20) "reati serji" tfisser l-istess kif iddefinita fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2005/60/KE;

([1]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

(21) "finanzjament tat-terroriżmu" tfisser l-istess kif iddefinita fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2005/60/KE;

(22) "amministratur tar-reġistru" għandha tirreferi għall-amministratur tar-reġistru tal-Unjoni jew kull reġistru ieħor tal-Protokoll ta' Kjoto;

(23) "amministratur nazzjonali" għandha tirreferi għall-entità reponsabbli għall-ġestjoni, f'isem ta' Stat Membru, ta' sett ta' kontijiet tal-utenti li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru fir-reġistru tal-Unjoni, maħtur skont l-Artikolu 6;

(24) "amministratur ta' kont" għandha tirreferi għall-amministratur stabbilit għal tip partikolari ta' kont fit-tielet kolonna tat-Tabella I-I fl-Anness I.

KAPITOLU II

SISTEMA TAR-REĠISTRI

Artikolu 3

Reġistri

1. Bil-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom bħala Partijiet PK skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE biex tiġi żgurata l-kontabbiltà eżatta tal-unitajiet ta' Kjoto, kull Stat Membru u l-Unjoni għandhom iħaddmu reġistru (minn hawn 'il quddiem "ir-reġistru tal-PK") fil-forma ta' database elettronika standardizzata li tkun konformi mar-rekwiżiti li jikkonċernaw r-reġistri tal-UNFCCC, u partikolarment l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għall-istandards dwar l-iskambju tad-dejta għas-sistemi tar-reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto, li ġew elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto.

2. Bil-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE biex tiġi żgurata l-kontabbiltà eżatta ta' kwoti, mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem l-Istati Membri għandhom jużaw ir-reġistru tal-Unjoni, li għandu jiffunzjona wkoll bħala reġistru tal-PK għall-Komunità Ewropea bħala Parti PK separata. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jipprovdi lill-amministraturi nazzjonali u lid-detenturi tal-kontijiet bil-proċessi deskritti fil-Kapitoli IV sa VI.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri li ma jistgħux joħorġu AAUs minħabba raġunijiet għajr dawk li jitqiesu mill-UNFCCC bħala mhux eliġibbli biex jittrasferixxi ERUs, AAUs u CERs skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 11/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri mingħajr reġistru tal-PK") mhumiex rikjesti li jistabbilixxu reġistru tal-PK.

4. Ir-reġistru tal-Unjoni u kull reġistru tal-PK iehor għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għall-istandards dwar l-iskambju tad-dejta għas-sistemi tar-reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto li ġew elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1 u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ħardwer, in-netwerk u s-softwer stipulati fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

Artikolu 4

Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

1. Bil-għan li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE li jinżamm reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet li jirreġistra u jikkontrolla l-ħruġ, it-trasferiment u l-kanċellazzjonijiet tal-kwoti, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ("EUTL") fil-forma ta' database elettronika standardizzata. L-EUTL għandu jservi wkoll biex jirreġistra t-tagħrif kollu relatat mad-depożiti u t-trasferimenti tal-unitajiet ta' Kjoto li jkunu disponibbli skont l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.

2. L-Amministratur Ċentrali għandu jħaddem u jżomm l-EUTL f'konformità mad-dispożizzjoniet ta' dan ir-Regolament.

3. L-EUTL għandu jkun jista' jikkontrolla u jirreġistra l-proċessi kollha msemmija skont l-Artikolu 3(2), u għandu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għall-istandards dwar l-iskambju tad-dejta għas-sistemi tar-reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto li ġew elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1 u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-ħardwer, in-netwerk u s-softwer stipulati fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

4. L-EUTL għandu jkun jista' jikkontrolla u jirreġistra l-proċessi kollha deskritti fil-Kapitoli IV u VI.

Artikolu 5

Konnessjonijiet ta' komunikazzjoni bejn reġistri, l-ITL u l-EUTL

1. Ir-reġistru tal-Unjoni u kull reġistru tal-PK iehor għandhom iżommu konnessjoni tal-komunikazzjoni mar-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet Internazzjonali tal-UNFCCC (minn hawn 'il quddiem "ITL") bil-għan li jiġu kkomunikati t-tranżazzjonijiet li jittrasferixxu l-unitajiet ta' Kjoto għal reġistri tal-PK oħra jew minn għandhom.

2. L-EUTL għandu jżomm ukoll konnessjoni tal-komunikazzjoni mal-ITL għal finijiet ta' reġistrazzjoni u kontroll ta' trasferimenti msemmija skont paragrafu 1. Għal dan il-għan, l-ITL jikkomunika t-trasferimenti proposti kollha li jinvolvu reġistru tal-PK lill-EUTL qabel ma jiġi reġistrat it-trasferiment.

3. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jżomm ukoll konnessjoni tal-komunikazzjoni diretta mal-EUTL għal finijiet bil-għanijiet ta' reġistrazzjoni u kontroll ta' tranżazzjonijiet li jittrasferixxu kwoti u ta' proċessi ta' ġestjoni ta' kontijiet deskritti fil-Kapitolu IV. It-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu kwoti għandhom jitwettqu fir-reġistru tal-Unjoni, u għandhom jiġu rreġistrati u kkontrollati mill-EUTL, iżda mhux mill-ITL.

4. Il-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima jista' jiddeċiedi li jikkonsolida l-konnessjonijiet tal-komunikazzjoni esterni, l-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-proċeduri tal-aċċess għall-kontijiet tal-utent, u l-mekkaniżmi għall-ġestjoni tal-kontijiet tal-PK tar-reġistru tal-Unjoni ma' dawk tar-reġistri tal-PK kollha f'Sistema Konsolidata ta' Reġistri Ewropej, miżmuma mill-Amministratur Ċentrali. Meta tiġi adottata din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tipproponi emendi għal dan ir-Regolament biex jiġu definiti l-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' Sistema Konsolidata ta' Reġistri Ewropej.

5. L-Amministratur Ċentrali jista' jistabbilixxi konnessjoni tal-komunikazzjoni ristretta bejn l-EUTL u r-reġistru ta' Pajjiż Aderenti bil-għan li reġistri bħal dawn ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-ITL permezz tal-EUTL u jirreġistraw dejta verifikata tal-emissjonijiet ta' operaturi fl-EUTL. Dawk ir-reġistri għandhom ilestu b'suċċess il-proċeduri kollha ta' ttestjar u ta' inizjalizzazzjoni meħtieġa qabel l-istabbiliment ta' din il-konnessjoni tal-komunikazzjoni.

Artikolu 6

Amministraturi nazzjonali u amministraturi tar-Reġistru tal-PK

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina amministratur nazzjonali. L-Istat Membru għandu jaċċessa u jamministra l-kontijiet tiegħu stess u l-kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu permezz tal-amministratur nazzjonali tiegħu. Kull amministratur nazzjonali ta' Stat Membru għandu jservi wkoll bħala amministratur tar-reġistru tal-PK tiegħu. L-amministratur tar-reġistru tal-PK għandu jħaddem u jżomm ir-reġistru tal-PK tal-Istat Membru tiegħu f'konformità mad-dispożizzjoniet ta' dan ir-Regolament.

2. L-Amministratur Ċentrali għandu jħaddem u jżomm ir-reġistru tal-Unjoni. L-Amministratur Ċentrali tal-PK għandu jservi wkoll bħala l-amministratur tal-parti tar-reġistru tal-PK tal-UE tar-reġistru tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess fost l-amministraturi nazzjonali, l-Amministratur Ċentrali u d-detenturi tal-kontijiet tal-utent.

4. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-identità u d-dettalji tal-kuntatt tal-amministratur nazzjonali tiegħu.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Reġistru mal-amministraturi tar-reġistru ta' kull Stat Membru u l-Amministratur Ċentrali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-grupp ta' ħidma tal-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima dwar il-kwistjonijiet u l-proċeduri relatati mal-operat tar-reġistri u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-grupp ta' ħidma tal-amministraturi għandu jaqbel mal-proċeduri tal-operat komuni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-proċeduri tal-ġestjoni tal-bidla u l-inċidenti għar-reġistru tal-Unjoni. Ir-regoli tal-proċedura tal-grupp ta' ħidma tal-amministraturi tar-reġistru għandhom jiġu adottati mill-Kumitat dwar il-Bidla fil-Klima.

6. L-Amministratur Ċentrali, l-awtoritajiet kompetenti u l-amministraturi nazzjonali għandhom iwettqu biss proċessi meta dawn ikunu meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet rispettivi tagħhom.

KAPITOLU III

UNITAJIET

Artikolu 7

Unitajiet

1. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jkun jista' jżomm il-kwoti tal-Kapitolu II u l-kwoti tal-Kapitolu III.

2. Kull reġistru tal-PK u r-reġistru tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jżommu AAUs, ERUs, CERs, RMUs, lCERs u tCERs (imsemmijin b'mod kollettiv bħala "l-unitajiet ta' Kjoto").

KAPITOLU IV

KONTIJIET

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet applikabbli għall-kontijiet kollha

Artikolu 8

Kontijiet

1. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jkun fih il-kontijiet elenkati taħt l-intestaturi "II. Kontijiet ta' ġestjoni fir-Reġistru tal-Unjoni" u "III. Kontijiet tal-utent fir-Reġistru tal-Unjoni" fl-Anness I.

2. Ir-reġistru tal-Unjoni u kull reġistru ieħor tal-PK għandu jkun fih il-kontijiet elenkati taħt l-intestatura "I. Kontijiet tal-Parti PK fir-reġistri tal-PK" fl-Anness I.

3. It-tip ta' unitajiet li jistgħu jinżammu minn kull tip ta' kont huwa stipulat fl-Anness I, u t-tip ta' tranżazzjonijiet li jistgħu jinbdew jew jiġu riċevuti minn kull tip ta' kont huwa stipulat fl-Anness II.

Artikolu 9

Status ta' kont

1. Il-kontijiet għandu jkollhom wieħed mill-istatus li ġejjin: miftuħ, inattiv, ibblukat jew magħluq.

2. Ma jistgħux jinbdew proċessi minn kontijiet imblokkati, għajr għaċ-ċediment ta' unitajiet, għad-dħul tal-emmissjonijiet verifikati, u għall-aġġornament tad-dettalji tal-kont.

3. Ma jistgħux jinbdew proċessi minn kontijiet magħluqa. Kont magħluq ma jistax jinfetaħ mill-ġdid, u ma jista' jirċievi l-ebda trasferimenti ta' unitajiet.

Artikolu 10

Amministrazzjoni ta' kontijiet

1. Kull kont għandu jkollu amministratur responsabbli mill-amministrazzjoni tal-kont f'isem ta' Stat Membru jew f'isem l-Unjoni.

2. L-amministratur ta' kont huwa stabbilit għal kull tip ta' kont fit-tielet kolonna tat-Tabella I-1 fl-Anness I.

3. L-amministratur ta' kont għandu jkollu r-responsabbiltà li jiftaħ, jissospendi l-aċċess jew jagħlaq kont, li japprova r-rappreżentanti awtorizzati, li jippermetti bidliet bħal dawn fid-dettalji tal-kont li jeħtieġu l-approvazzjoni tal-amministratur, u li jagħti bidu għal tranżazzjonijiet jekk dan ikun rikjest mid-detentur tal-kont skont l-Artikolu 19(4).

4. Il-kontijiet tal-utent għandhom ikunu rregolati minn liġijiet u jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru tal-amministratur tagħhom u l-unitajiet miżmuma fihom għandhom jitqiesu li jinsabu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 11

Notifiki mill-amministraturi

L-Amministratur Ċentrali għandu jinnotifika lid-detentur u lill-amministratur ta' kont tar-Reġistru tal-Unjoni bil-bidu u t-tlestija jew it-terminazzjoni ta' kull proċess relatat mal-kont permezz ta' mekkaniżmu awtomatizzat deskritt fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

TAQSIMA 2

Ftuħ u aġġornament ta' kontijiet

Artikolu 12

Ftuħ ta' kontijiet tal-Parti PK u kontijiet tal-ġestjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur Ċentrali biex jiftaħ il-kontijiet tal-Parti PK tal-Unjoni u l-kontijiet tal-ġestjoni kollha fir-reġistru tal-Unjoni għajr il-kontijiet ta' depożitu tal-kwota nazzjonali.

2. Il-korp kompetenti tal-Istat Membru għandu jagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jiftaħ il-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali tiegħu fir-reġistru tal-Unjoni.

3. L-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fihom it-tagħrif stipulat fl-Anness III.

4. L-amministratur tar-reġistru jew l-amministratur Ċentrali għandu jiftaħ il-kont tal-Parti PK jew il-kont tal-ġestjoni fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta ngħataw l-istruzzjonijiet.

Artikolu 13

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' persuna fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Talba għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' persuna fir-reġistru tal-Unjoni għandha titressaq lill-amministratur nazzjonali ta' Stat Membru. Il-persuna li qed titlob il-ftuħ ta' kont għandha tipprovdi t-tagħrif rikjest mill-amministratur nazzjonali, li għandu jinkludi tal-inqas it-tagħrif stipulat fl-Anness IV.

2. L-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali jista' jirrikjedi li persuni tal-UE li qed jitolbu l-ftuħ tal-kont ikollhom ir-residenza jew ir-reġistrazzjoni permanenti tagħhom fl-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali li qed jamministra l-kont.

3. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla ta' sett komplut ta' tagħrif meħtieġ skont il-paragrafi 1 u 2 u wara l-approvazzjoni tal-għadd meħtieġ ta' rappreżentanti awtorizzati skont l-Artikolu 20, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' depożitu ta' persuna fir-reġistru tal-Unjoni jew jinforma lill-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont li hu qed jiċħad il-ftuħ tal-kont.

4. Jekk l-amministratur nazzjonali jirrifjuta li jiftaħ il-kont, il-persuna li qed titlob il-ftuħ ta' kont tista' toġġezzjona din iċ-ċaħda mal-awtorità kompetenti jew awtorità rilevanti skont il-liġi nazzjonali, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali biex jiftaħ il-kont jew tikkonferma ċ-ċaħda f'deċiżjoni motivata. Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-ftuħ ta' kont jistgħu jkunu li l-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont tkun taħt investigazzjoni għax tkun involuta fi frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji oħra li għalihom il-kont jista' jkun strument, jew kwalunkwe raġuni oħra stipulata fil-liġi nazzjonali.

Artikolu 14

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Il-pjattaformi tal-kummerċ jistgħu jressqu talba għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ fir-reġistru tal-Unjoni. Din it-talba għandha titressaq lill-amministratur nazzjonali ta' Stat Membru li jippermetti l-ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ. Il-persuna li qed titlob il-ftuħ ta' kont għandha tipprovdi t-tagħrif rikjest mill-amministratur nazzjonali, li għandu jinkludi t-tagħrif stipulat fl-Anness IV u fl-Anness V.

2. Il-pjattaformi tal-kummerċ għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi deskritti fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71. L-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali jista' jirrikjedi li persuni tal-UE li qed jitolbu l-ftuħ tal-kont ikollhom ir-residenza jew ir-reġistrazzjoni permanenti tagħhom fl-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali li qed jamministra l-kont.

3. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-tagħrif komplut meħtieġ skont il-paragrafi 1 u 2 u wara l-approvazzjoni tal-għadd meħtieġ ta' rappreżentanti awtorizzati skont l-Artikolu 20, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ fir-reġistru tal-Unjoni jew jinforma lill-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont li qed jiċħad li jiftaħ il-kont.

4. Jekk l-amministratur nazzjonali jirrifjuta li jiftaħ il-kont, il-persuna li qed titlob il-ftuħ ta' kont tista' toġġezzjona din iċ-ċaħda mal-awtorità kompetenti jew awtorità rilevanti skont il-liġi nazzjonali, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali biex jiftaħ il-kont jew tikkonferma ċ-ċaħda f'deċiżjoni motivata. Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-ftuħ ta' kont jistgħu jkunu li l-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont tkun taħt investigazzjoni għax tkun involuta fi frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji oħra li għalihom il-kont jista' jkun strument, jew kwalunkwe raġuni oħra stipulata fil-liġi nazzjonali.

Artikolu 15

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' operatur fir-reġistru tal-Unjoni

1. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mid-dħul fis-seħħ ta' permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra maħruġ għall-operat ta' installazzjoni ġdida, l-awtorità kompetenti li qed toħroġ il-permess għandha tipprovdi lill-amministratur nazzjonali tal-Istat Membru bit-tagħrif stipulat fl-Anness VII, u l-operatur għandu jitlob lill-amministratur nazzjonali biex jiftaħ kont ta' depożitu ta' operatur fir-reġistru tal-Unjoni

2. Jekk l-awtorità tiddeċiedi hekk, it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' hawn fuq jista' jiġi provvdut ukoll mill-operatur lill-amministratur nazzjonali fil-limitu taż-żmien stipulat fil-paragrafu 1.

3. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-tagħrif kollu msemmi fil-paragrafu 1 u wara l-approvazzjoni tal-għadd meħtieġ ta' rappreżentanti awtorizzati skont l-Artikolu 20 l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont separat ta' depożitu ta' operatur għal kull installazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni.

Artikolu 16

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, jew sal-1 ta' Jannar 2012, skont liema minnhom ikun l-iktar tard, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-amministratur nazzjonali bit-tagħrif stipulat fl-Anness VIII, u l-operatur tal-inġenju tal-ajru għandu jitlob lill-amministratur nazzjonali biex jiftaħ kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenju tal-ajru fir-reġistru tal-Unjoni. Kull operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jkollu kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru wieħed.

2. Jekk l-awtorità tiddeċiedi hekk, it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' hawn fuq jista' jiġi provvdut ukoll mill-operatur lill-amministratur nazzjonali fil-limitu taż-żmien stipulat fil-paragrafu 1.

3. Fi żmien 40 jum ta' xogħol mill-wasla tat-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 u wara l-approvazzjoni tal-għadd meħtieġ ta' rappreżentanti awtorizzati skont l-Artikolu 20 l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru separat għal kull operatur tal-inġenji tal-ajru fir-reġistru tal-Unjoni.

Artikolu 17

Ftuħ ta' kontijiet ta' verifikatur fir-reġistru tal-Unjoni

1. Talba għall-ftuħ ta' kont ta' verifikatur fir-reġistru tal-Unjoni għandha titressaq lill-amministratur nazzjonali. Il-persuna li qed titlob il-ftuħ ta' kont għandha tipprovdi t-tagħrif rikjest mill-amministratur nazzjonali, li għandu jinkludi t-tagħrif stipulat fl-Anness IV u l-Anness V.

2. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-tagħrif kollu msemmi fil-paragrafu 1 u wara l-approvazzjoni tal-għadd meħtieġ ta' rappreżentanti awtorizzati skont l-Artikolu 20, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' verifikatur fir-reġistru tal-Unjoni.

Artikolu 18

Termini u kundizzjonijiet ta' kont ta' depożitu

Dan l-artikolu ma jinkludix dispożizzjoniet.

Artikolu 19

Rappreżentanti awtorizzati

1. Kull kont għandu jkollu tal-inqas żewġ rappreżentanti awtorizzati. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jibda tranżazzjonijiet u proċessi oħra f'isem id-detentur tal-kont permezz tal-websajt tar-reġistru.

2. L-amministratur tal-kont jista' jippermetti li l-kontijiet ikollhom rappreżentanti awtorizzati addizzjonali li jistgħu jaraw il-kont jew li jkun meħtieġ il-qbil tagħhom flimkien mal-qbil ta' rappreżentant awtorizzat sabiex titressaq talba biex jitwettaq kwalunkwe proċess.

3. L-amministratur tal-kont jista' jagħti permess lil detenturi ta' kontijiet tal-utent biex jippermettu li l-kontijiet tagħhom jiġu aċċessati permezz ta' pjattaforma tal-kummerċ. Id-detenturi tal-kont li jippermettu li kont tagħhom jiġi aċċessat permezz ta' pjattaforma tal-kummerċ għandhom jinnominaw bħala rappreżentant awtorizzat persuna li tkun diġà r-rappreżentant awtorizzat ta' kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ.

4. Jekk ir-rappreżentant awtorizzat ma jkollux aċċess għall-internet, jista' jitlob lill-amministratur tal-kont biex jibda tranżazzjonijiet f'isimu, sakemm l-amministratur jippermetti talbiet bħal dawn u sakemm l-aċċess ma jkunx ġie sospiż skont l-Artikolu 27.

5. L-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta jistgħu jistabbilixxu għadd massimu ta' rappreżentanti awtorizzati u ta' rappreżentanti awtorizzati addizzjonali għal kull tip ta' kont. Amministratur nazzjonali jista' jistabbilixxi massimu aktar baxx għall-kont tiegħu, iżda l-għadd minimu ta' rappreżentanti awtorizzati jrid ikun tlieta.

6. Ir-rappreżentanti awtorizzati u r-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali jridu jkunu persuni naturali 'l fuq minn 18-il sena. Ir-rappreżentanti awtorizzati u r-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali kollha ta' kont wieħed iridu jkunu persuni differenti iżda l-istess persuna jista' jkun rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali ta' aktar minn kont wieħed. L-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali jista' jeħtieġ li tal-inqas wieħed mir-rappreżentanti awtorizzati tal-kontijiet tal-utent irid ikun resident permanenti fl-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali li qed jamministra l-kont.

Artikolu 20

Nominazzjoni u approvazzjoni ta' rappreżentanti awtorizzati u rappreżentanti awtorizzati addizzjonali

1. Meta ssir talba biex jinfetaħ kont, il-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont għandha tinnomina tal-inqas żewġ rappreżentanti awtorizzati, u dik il-persuna tista' tinnomina rappreżentanti awtorizzati addizzjonali jekk tingħata permess mill-amministratur tal-kont.

2. Meta ssir nomina ta' rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, il-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont għandha tipprovdi t-tagħrif meħtieġ mill-amministratur. Dak it-tagħrif għandu jinkludi tal-inqas id-dokumenti u t-tagħrif dwar l-identifikazzjoni tal-persuna nnominata kif stipulat fl-Anness IX.

3. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla ta' sett komplut ta' tagħrif meħtieġ skont il-paragrafi 2 l-amministratur nazzjonali għandu japprova rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, jew jinforma lill-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont li qed jiċħad li jiftaħ il-kont. Meta l-evalwazzjoni tat-tagħrif tal-persuna nnominata tirrikjedi aktar ħin, l-amministratur jista' jestendi għal darba l-proċess tal-evalwazzjoni sa 20 jum ta' xogħol addizzjonali, u jinnotifika l-estensjoni lill-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont.

4. Jekk l-amministratur nazzjonali jirrifjuta li japprova rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, il-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont tista' toġġezzjona din iċ-ċaħda mal-awtorità kompetenti jew l-awtorità rilevanti skont il-liġi nazzjonali, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tikkonferma ċ-ċaħda f'deċiżjoni motivata. Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-approvazzjoni jistgħu jkunu li l-persuna nnominata bħala rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali tkun taħt investigazzjoni għax tkun involuta fi frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji oħra li għalihom il-kont jista' jkun strument, jew kwalunkwe raġuni oħra stipulata fil-liġi nazzjonali.

5. Ir-rappreżentant awtorizzat tal-kont ta' approvazzjoni ċentrali tal-ETS għandu jaġixxi bħala r-rappreżentant awtorizzat tal-Amministratur Ċentrali. Ir-rappreżentant awtorizzat ta' kull kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali għandu jaġixxi bħala r-rappreżentant awtorizzat tal-amministratur nazzjonali għall-Istat Membru li qed iżomm il-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali.

Artikolu 21

Aġġornament tat-tagħrif tal-kont u tat-tagħrif dwar ir-rappreżentanti awtorizzati

1. Kull detentur ta' kont għandu jinnotifika lill-amministratur tal-kont fi żmien 10 ijiem ta' xogħol bi kwalunkwe bidla li saret lit-tagħrif ippreżentat għall-ftuħ ta' kont, u għan-nominazzjoni ta' rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jinnotifikaw lill-amministratur bil-kont tagħhom fi żmien 10 ijiem ta' xogħol jekk ikunu wettqu amalgamazzjoni ta' żewġt operaturi tal-inġenji tal-ajru jew aktar jew jekk inqasmu f'żewġt operaturi tal-inġenji tal-ajru jew aktar. Jekk id-detentur tal-kont kien meħtieġ li jipprovdi evidenza għal biċċa tagħrif partikolari waqt il-ftuħ tal-kont jew in-nominazzjoni ta' rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, in-notifikazzjoni ta' bidliet għandha bl-istess mod tiġi sostnuta bl-evidenza meħtieġa. Fi żmien 15-il jum ta' xogħol mill-wasla ta' notifikazzjoni bħal din u l-evidenza ta' sostenn, l-amministratur tal-kont għandu jaġġorna t-tagħrif dwar id-detentur tal-kont jew jiċħad l-aġġornament u jgħarraf lid-detentur tal-kont b'dan. L-oġġezzjonijiet għal ċaħdiet bħal dawn jistgħu jsiru mal-awtorità kompetenti jew mal-awtorità rilevanti skont il-liġi nazzjonali f'konformità mal-Artikoli 13(4), 14(4) jew 20(4).

2. Id-detentur ta' kont ta' depożitu ta' persuna, kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ, kont ta' verifikatur jew kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru ma jistax ibigħ jew ineħħi s-sjieda tal-kont tiegħu lil persuna oħra Id-detentur ta' kont ta' kont ta' depożitu ta' persuna jista' jbigħ jew ineħħi s-sjieda tal-kont ta' depożitu ta' persuna biss flimkien mal-installazzjoni marbuta mal-kont ta' depożitu ta' operatur.

3. Rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali ma jistax jittrasferixxi l-istatus tiegħu bħala tali lil persuna oħra.

4. Kull detentur ta' kont jista' jinnotifika s-sejħa lura ta' rappreżentanti awtorizzati, sakemm jibqa' tal-inqas żewġ rappreżentanti awtorizzati. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla ta' notifika bħal din, l-amministratur responsabbli għandu jneħħi r-rappreżentant awtorizzat.

5. Kull detentur ta' kont jista' jinnomina rappreżentanti awtorizzati ġodda jew rappreżentanti awtorizzati addizzjonali ġodda skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 20.

6. Jekk jinbidel l-Istat Membru ta' amministrazzjoni ta' operatur tal-inġenji tal-ajru skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18a tad-Direttiva 2003/87/KE jew minħabba t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea l-Amministratur Ċentrali għandu jaġġorna l-amministratur nazzjonali tal-kont ta' depożitu tal-operatur tal-inġenju tal-ajru korrispondenti. Meta jinbidel l-amministratur tal-kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, l-amministratur il-ġdid jista' jitlob lill-operatur tal-inġenju tal-ajru biex jippreżenta t-tagħrif tal-ftuħ tal-kont meħtieġ mill-amministratur il-ġdid skont l-Artikolu 16 u t-tagħrif meħtieġ mill-amministratur il-ġdid dwar rappreżentanti awtorizzati skont l-Artikolu 20.

7. Għajr għall-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu 6 hawn fuq, l-Istat Membru responsabbli għall-ġestjoni ta' kont ma għandux jinbidel.

TAQSIMA 3

Għeluq ta' kontijiet

Artikolu 22

Għeluq ta' kontijiet ta' Parti PK, kontijiet ta' ġestjoni, kontijiet ta' depożitu ta' persuna u kontijiet ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ

Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla ta' talba mingħand id-detentur ta' kont biex jingħalaq kont ta' Parti PK fir-reġistru tal-Unjoni, kont ta' ġestjoni, kont ta' depożitu ta' persuna jew kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ amministrat minn dan, l-amministratur għandu jagħlaq il-kont.

Artikolu 23

Għeluq tal-kontijiet ta' depożitu tal-operatur

1. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-amministratur nazzjonali fi żmien 10 ijiem ta' xogħol bir-revoka jew biċ-ċediment ta' permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal installazzjoni li, minħabba f'ħekk, mhijiex koperta minn kwalunkwe permess tali. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika wkoll lill-amministratur nazzjonali fi żmien 10 ijiem ta' xogħol meta ssir taf li għalqet installazzjoni mingħajr ma ġiet innotifikata l-awtorità kompetenti. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn notifika mingħand l-awtorità kompetenti, l-amministratur nazzjonali għandu jirreġistra fir-reġistru tal-Unjoni d-data li fiha jiskadi l-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Meta tagħlaq installazzjoni qabel ma jkun skada l-permess, id-data tal-għeluq innotifikata mill-awtorità kompetenti għandha tiġi reġistrata bħala d-data ta' skadenza tal-permess.

2. L-amministratur nazzjonali jista' jagħlaq il-kontijiet ta' depożitu tal-operatur sat-30 ta' Ġunju tas-sena wara dik li fiha jkun skada l-permess jekk l-installazzjoni rilevanti tkun ċediet ammont ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto tal-inqas ugwali għall-emissjonijiet verifikati.

Artikolu 24

Għeluq ta' kontijiet ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru

Il-kontijiet ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jistgħu jingħalqu biss mill-amministratur nazzjonali jekk ikun hemm struzzjonijiet mill-awtorità kompetenti biex jagħmel dan minħabba li l-awtorità kompetenti tkun skopriet li l-operatur tal-inġenju tal-ajru ġie amalgamat ma' operatur tal-inġenju tal-ajru ieħor jew li l-operatur tal-inġenju tal-ajru waqqaf permanentament l-operazzjonijiet kollha tiegħu koperti bl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, jew permezz ta' notifika mingħand id-detentur tal-kont jew permezz ta' evidenza oħra.

Artikolu 25

Għeluq ta' kontijiet ta' verifikatur

1. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mill-wasla ta' talba mingħand verifikatur biex jagħlaq kont tiegħu, l-amministratur nazzjonali għandu jagħlaq il-kont tal-verifikatur.

2. L-awtorità kompetenti tista' tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jagħlaq kont ta' verifikatur meta tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejin:

a) l-akkreditazzjoni tal-verifikatur skadiet jew ġiet irtirata,

b) il-verifikatur waqqaf l-operazzjonijiet tiegħu.

Artikolu 26

Bilanċ pożittiv fil-kontijiet fil-proċess ta' għeluq

1. Jekk ikun hemm bilanċ pożittiv ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto fil-kont li l-amministratur se jagħlaq skont l-Artikoli 22 sa 25 u l-Artikolu 28, l-amministratur għandu l-ewwel jitlob lid-detentur tal-kont jispeċifika kont ieħor amministrat mill-istess amministratur sabiex dawn il-kwoti jew l-unitajiet ta' Kjoto jiġu trasferiti fih. Jekk id-detentur tal-kont ma jkunx wieġeb it-talba tal-amministratur fi żmien 40 jum ta' xogħol, l-amministratur jista' jittrasferixxi l-kwoti fil-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali fir-reġistru tal-Unjoni u l-unitajiet ta' Kjoto fil-kont ta' depożitu ta' Parti PK fir-reġistru tal-PK.

2. Jekk ikun hemm bilanċ pożittiv ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto fil-kont li l-aċċess għalih ġie sospiż skont l-Artikolu 27(3), fl-istruzzjoni tagħha skont l-Artikolu 28(1) l-awtorità kompetenti tista' titlob li l-kwoti jiġu trasferiti immedjatament għall-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali rilevanti u l-unitajiet ta' Kjoto jiġu trasferiti immedjatament għall-kont ta' depożitu ta' Parti PK rilevanti.

TAQSIMA 4

Sospensjoni tal-aċċess għall-kontijiet

Artikolu 27

Sospensjoni tal-aċċess għall-kontijiet

1. Amministratur jista' jissospendi l-aċċess ta' rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali għal kwalunkwe kont fir-reġistru tiegħu jew għal proċessi li għalihom dak ir-rappreżentant awtorizzat kieku kien ikollu aċċess għalihom, fil-każ biss jekk l-amministratur għandu bażi raġonevoli biex jemmen li r-rappreżentant awtorizzat kien:

(a) ipprova jidħol fil-kontijiet jew fil-proċessi li mhuwiex awtorizzat li jaċċessa;

(b) ipprova ripetutament jidħol f'kont jew fi proċess billi juża username u password li ma jaqblux; jew

(c) ipprova, jew qed jipprova, jimmina s-sigurtà tar-reġistru jew tas-sistema tar-reġistri.

2. Amministratur jista' jissospendi l-aċċess tar-rappreżentanti awtorizzati jew tar-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali kollha għal kont speċifiku jekk tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-detentur ta' kont ikun miet u ma jkunx hemm suċċessur legali jew ma jkunx għadu jeżisti bħala persuna legali

(b) id-detentur ta' kont ma jkunx ħallas it-tariffi tiegħu;

(c) id-detentur ta' kont jkun kiser it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli mal-kont;

(d) id-detentur ta' kont ma qabilx mal-bidliet fit-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-amministratur nazzjonali u l-Amministratur Ċentrali;

(e) id-detentur ta' kont ma jkunx ipprovda evidenza li tikkonċerna l-bidliet fit-tagħrif tal-kont, jew evidenza li tikkonċerna r-rekwiżiti ġodda għat-tagħrif ta' kont;

(f) id-detentur ta' kont ikun naqas li jżomm l-għadd minimu rikjest ta' rappreżentanti awtorizzati għall-kont;

(g) id-detentur ta' kont ikun naqas li jżomm konformità marrekwiżit ta' Stat Membru li jkun hemm rappreżentant awtorizzat b'residenza permanenti fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont;

(h) id-detentur ta' kont ikun naqas li jżomm konformità marrekwiżit ta' Stat Membru li d-detentur ta' kont għandu residenza jew reġistrazzjoni permanenti fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont.

3. L-amministratur nazzjonali jista' jissospendi l-aċċess għal kont ta' depożitu ta' persuna jew kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ jekk jikkunsidra li l-ftuħ tagħhom għandu jkun irrifjutat skont l-Artikolu 13(3) jew l-Artikolu 14(3).

4. L-amministratur tal-kont għandu jneħħi s-sospensjoni immedjatament ladarba s-sitwazzjoni li tat bidu għas-sospensjoni tkun ġiet solvuta.

5. Id-detentur ta' kont jista' joġġezzjona għas-sospensjoni tal-aċċess tiegħu skont il-paragrafi 1 u 3 mal-awtorità kompetenti jew l-awtorità rilevanti skont il-liġi nazzjonali fi żmien 30 jum kalendarju, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jimplimenta l-aċċess mill-ġdid jew tikkonferma s-sospensjoni f'deċiżjoni motivata.

6. L-awtorità kompetenti, jew fil-każ ta' kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni, l-amministratur Ċentrali, tista' wkoll tagħti struzzjonijiet lill-amministratur biex jimplimenta sospensjoni.

7. Meta jiġi sospiż l-aċċess għal kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ, l-amministratur għandu wkoll jissospendi l-aċċess approvat lill-pjattaforma tal-kummerċ għall-kontijiet tal-utent skont l-Artikolu 19(3). Meta l-aċċess tar-rappreżentanti awtorizzati u r-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali għal kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ jiġi sospiż, l-amministratur għandu wkoll jissospendi l-aċċess tagħhom approvat lill-pjattaforma tal-kummerċ għall-kontijiet tal-utent skont l-Artikolu 19(3).

8. Meta d-detentur ta' kont ta' depożitu ta' operatur jew ta' kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru ma jitħalliex iwettaq il-proċessi ta' ċediment fl-10 ijiem ta' xogħol qabel l-iskadenza taċ-ċediment stipulata fl-Artikolu 12(2a) u (3) tad-Direttiva 87/2003/KE minħabba s-sospensjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2, l-amministratur nazzjonali għandu, jekk jintalab jagħmel dan mid-detentur tal-kont u wara l-preżentazzjoni tal-identità tar-rappreżentant awtorizzat permezz ta' evidenza ta' sostenn, jċedi l-għadd ta' kwoti u ERUs u CERs speċifikati mid-detentur tal-kont.

Artikolu 28

Għeluq ta' kontijiet jew tneħħija ta' rappreżentant awtorizzat fuq l-inizjattiva tal-amministratur

1. Jekk is-sitwazzjoni li qed twassal għas-sospensjoni tal-aċċess għal kontijiet skont l-Artikolu 27 ma tkunx solvuta f'perjodu raġonevoli minkejja notifiki ripetuti, l-awtorità kompetenti tista' tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jagħlaq dawk il-kontijiet ta' depożitu ta' persuna jew il-kontijiet ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ fejn l-aċċess huwa sospiż.

2. Jekk ikun hemm bilanċ ta' żero fil-kont ta' depożitu ta' persuna u ma kinux irreġistrati tranżazzjonijiet matul sena, l-amministratur nazzjonali jista' jinnotifika lid-detentur tal-kont li l-kont ta' depożitu ta' persuna se jingħalaq fi żmien 40 jum ta' xogħol sakemm l-amministratur tar-reġistru ma jirċivix f'dak il-perjodu talba mid-detentur tal-kont li l-kont ta' depożitu ta' persuna għandu jinżamm. Jekk l-amministratur nazzjonali ma jirċivix talba bħal din mid-detentur tal-kont, l-amministratur nazzjonali jista' jagħlaq il-kont.

3. L-amministratur nazzjonali għandu jagħlaq kull kont ta' depożitu ta' operatur meta l-awtorità kompetenti tkun tat struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jagħlaq il-kont għax m'hemmx prospett raġonevoli li se jitwettaq ċediment ta' aktar kwoti mill-operatur tal-installazzjoni.

4. L-amministratur nazzjonali jista' jneħħi rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali jekk jikkunsidra li l-approvazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat jew tar-rappreżentant awtorizzat addizzjonali kellha tiġi rrifjutata skont l-Artikolu 20(3), partikolarment jekk jiskopri li d-dokumenti u t-tagħrif tal-identifikazzjoni provduti man-nominazzjoni kienu frodulenti jew żbaljati.

5. Id-detentur ta' kont jista' joġġezzjona għall-għeluq tal-kont tiegħu skont il-paragrafu 1 jew għat-tneħħija tar-rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali tiegħu skont il-paragrafu 4 mal-awtorità kompetenti fi żmien 30 jum kalendarju, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jimplimenta mill-ġdid il-kont jew ir-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali jew tikkonferma l-għeluq jew it-tneħħija f'deċiżjoni motivata.

KAPITOLU V

EMISSJONIJIET VERIFIKATI U KONFORMITÀ

Artikolu 29

Dejta ta' emissjonijiet verifikati għal installazzjoni jew operatur tal-inġenji tal-ajru

1. Qabel tiġi ppreżentata d-dejta tal-emissjonijiet annwali lir-reġistru tal-Unjoni, kull operatur u operatur tal-inġenji tal-ajru għandhom jagħżlu verifikatur mill-verifikaturi reġistrati għand l-amministratur nazzjonali li qed jamministra l-kont. Jekk operatur jew operatur tal-inġenji tal-ajru jkun ukoll verifikatur, ma jistax jagħżel lilu nnifsu bħala verifikatur.

2. L-amministratur nazzjonali għandu jdaħħal id-dejta tal-emissjonijiet għal sena bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Id-dejta tal-emissjonijiet għal installazzjoni tista' tiddaħħal għal sena matul dik is-sena jekk il-permess tal-gassijiet serra tal-installazzjoni jkun diġà skada. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li minflok l-amministratur nazzjonali, id-detentur tal-kont jew il-verifikatur (inklużi dawk l-awtoritajiet li jaġixxu bħala verifikaturi) għandu jkun responsabbli biex idaħħal id-dejta tal-emissjonijiet fil-limitu ta' żmien stipulat hawn fuq.

3. Id-dejta tal-emissjonijiet annwali għandha tiġi ppreżentata fil-format stipulat fl-Anness X.

4. Meta l-verifika ta' rapport ta' operatur dwar l-emissjonijiet minn installazzjoni matul is-sena preċedenti, jew ta' rapport ta' operatur tal-inġenji tal-ajru dwar l-attivitajiet kollha tal-avjazzjoni li twettqu matul is-sena preċedenti, tkun sodisfaċenti skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-verifikatur għandu japprova l-emissjonijiet annwali verifikati.

5. L-emissjonijiet approvati skont il-paragrafu 4 għandhom jiġu mmarkati bħala verifikati fir-reġistru tal-Unjoni mill-amministratur nazzjonali. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li minflok l-amministratur nazzjonali, il-verifikatur għandu jkun responsabbli biex jimmarka l-emissjonijiet bħala verifikati fir-reġistru tal-Unjoni.

6. L-awtorità kompetenti tista' tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jikkoreġi l-emissjonijiet annwali vverifikati ta' installazzjoni jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ddettaljati stabbiliti mill-Istat Membru skont l-Anness V għad-Direttiva 2003/87/KE, billi ddaħħal l-emissjonijiet ivverifikati kkoreġuti ta' dik l-installazzjoni jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru għal dik is-sena fir-reġistri tar-reġistru tal-Unjoni.

7. Meta, fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, ma tkun ġiet irreġistrata l-ebda ċifra ta' emissjonijiet ivverifikata fir-reġistru tal-Unjoni għal installazzjoni jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru għas-sena preċedenti, jew li tressqu provi li ċ-ċifra tal-emissjonijiet ivverifikata mhijiex korretta, kull stima ta' ċifra tal-emissjonijiet sostituta li tiddaħħal fir-reġistru tal-Unjoni għandha tiġi kkalkulata kemm jista' jkun f'konformità mar-rekwiżiti dettaljati stabbiliti mill-Istat Membru skont l-Anness V għad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 30

Imblokkar ta' kontijiet minħabba nuqqas ta' preżentazzjoni tal-emissjonijieti vverifikati

1. Jekk, fl-1 ta' April ta' kull sena l-emissjonijiet annwali vverifikati ta' installazzjoni jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru għas-sena preċedenti ma jkunux ġew irreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jistabbilixxi l-istatus tal-kont ta' depożitu tal-operatur korrispondenti jew tal-kont ta' depożitu tal-operatur tal-inġenji tal-ajru bħala imblokkat.

2. Meta jkunu ġew irreġistrati l-emissjonijiet ivverifikati li ddaħħlu tard tal-installazzjoni jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru fir-reġistru tal-Unjoni, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jistabbilixxi l-istatus tal-kont bħala miftuħ.

Artikolu 31

Kalkolu taċ-ċifri tal-istatus tal-konformità

1. Fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jiddetermina ċ-ċifra tal-istatus tal-konformità għas-sena preċedenti għal kull installazzjoni u operatur tal-inġenji tal-ajru b'kont ta' depożitu tal-operatur jew kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenju tal-ajru miftuħ jew imblokkat billi jikkalkula t-total tal-kwoti, CERs u ERUs kollha ċeduti għall-perjodu attwali li minnu jitnaqqas it-total tal-emissjonijiet ivverifikati kollha fil-perjodu attwali sa, u inkluża, is-sena attwali, biż-żieda ta' fattur ta' korrezzjoni.

2. Il-fattur ta' korrezzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun żero jekk iċ-ċifra tal-istatus tal-konformità tal-aħħar sena preċedenti kienet ikbar minn żero, iżda għandu jibqa' bħaċ-ċifra tal-istatus tal-konformità tal-aħħar sena tal-perjodu preċedenti jekk din iċ-ċifra tkun żero jew inqas.

3. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jirreġistra ċ-ċifra tal-istatus ta' konformità għal kull installazzjoni u operatur tal-inġenji tal-ajru għal kull sena.

Artikolu 32

Kontijiet inattivi ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru

1. Jekk, sal-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 12(2a) tad-Direttiva 2003/87/KE għaċ-ċediment ta' kwoti, il-valur tal-emissjonijiet ivverifikati ta' operatur tal-inġenji tal-ajru għas-sena preċedenti skont l-Artikolu 29 li jiddaħħal fir-reġistru tal-Unjoni jkun 0, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jistabbilixxi l-istatus tal-kont ta' depożitu tal-operatur tal-inġenji tal-ajru bħala inattiv.

2. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jistabbilixxi l-istatus tal-kont bħala miftuħ meta l-valur tal-emissjonijiet ivverifikati għas-sena ta' qabel is-sena attwali ma jkunx 0.

KAPITOLU VI

TRANŻAZZJONIJIET

TAQSIMA 1

Allokazzjoni u ħruġ ta' kwoti

Artikolu 33

Tabelli tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet

1. L-EUTL għandu jkun fih tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet waħda għal kull Stat Membru għall-perjodu 2008-2012. Tabelli tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet għandhom jindikaw it-tagħrif li ġej:

(a) l-għadd totali ta' kwoti li se jinħarġu għal installazzjonijiet: f'ċellola waħda, l-għadd totali tal-kwoti li se jinħarġu għal installazzjonijiet għall-perjodu kopert mill-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet;

(b) l-għadd totali tal-kwoti mhux allokati lill-installazzjonijiet stabbiliti (ir-riżerva): f'ċellola waħda, l-għadd totali tal-kwoti (maħruġa jew mixtrija) li twarrbu għal installazzjonijiet applikanti ġodda u bejgħ bl-irkant għall-perjodu kopert mill-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet;

(c) snin: f'ċelloli individwali għal kull waħda mis-snin koperti mill-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet, wara xulxin, miż-żgħira għall-kbira;

(d) Il-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' installazzjoni: ta' kull installazzjoni li għandha permess f'dan il-mument: f'ċelloli individwali miż-żgħira għall-kbira. L-installazzjonijiet elenkati għandhom jinkludu l-installazzjonijiet inklużi b'mod unilaterali skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE u ma għandhom jinkludu l-ebda installazzjoni eskluża b'mod temporanju skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE;

(e) Kwoti allokati: il-kwoti li se jkunu allokati għal sena speċifika għal installazzjoni speċifika għandhom jiddaħħlu fiċ-ċellola li torbot dik is-sena mal-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' dik l-installazzjoni.

2. It-tabelli tal-pjan nazzjonali dwar allokazzjonijiet għandhom isegwu l-format stipulat fl-Anness XI.

Artikolu 34

Tabelli tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni

1. L-EUTL għandu jkun fih tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni waħda għas-sena 2012. Din it-tabella għandha tindika t-tagħrif li ġej:

(a) l-għadd totali tal-kwoti tal-Kapitolu II li se jiġu allokati fl-Unjoni fl-2012;

(b) l-għadd tal-kwoti tal-Kapitolu II diġà allokati bla ħlas lil kull detentur ta' kont elenkat fit-tabella;

(c) l-għadd tal-kwoti tal-Kapitolu II li għadhom mhumiex allokati mill-Istati Membri murija separatament għal kull Stat Membru;

(d) l-identità tar-riċevituri tal-allokazzjoni (fil-każ ta' kwoti allokati permezz ta' bejgħ bl-irkant, ir-riċevitur għandu jkun l-irkantatur);

2. It-tabelli tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni għandhom isegwu l-format stipulat fl-Anness XII.

Artikolu 35

Dħul fl-EUTL ta' tabelli tal-pjan nazzjonali dwar allokazzjonijiet

1. Mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu 2008-2012, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni t-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet tiegħu, li tikkorrispondi mad-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Jekk it-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet tkun ibbażata fuq il-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet innotifikat lill-Kummissjoni li ma kienx twarrab skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87/KE jew li dwaru l-Kummissjoni aċċettat emendi proposti, il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali biex idaħħal it-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet fl-EUTL.

Artikolu 36

Dħul ta' deċiżjonijiet ta' allokazzjoni fit-tabelli tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni

Jekk id-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri dwar l-allokazzjoni ta' kwoti ta' Kapitolu II skont l-Artikolu 3e(4), tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tas-sena 2012 ikunu konformi mad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali biex idaħħal id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjonjiet fit-tabella tal-pjan tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni fl-EUTL.

Artikolu 37

Korrezzjoni ta' tabelli tal-pjan nazzjonali dwar allokazzjonijiet

1. Għall-perjodu 2008-2012, l-amministratur nazzjonali għandu jwettaq korrezzjonijiet lit-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet fl-EUTL mingħajr ma jinnotifika lill-Kummissjoni bil-quddiem, meta:

(a) allokazzjoni ngħatat lil applikant ġdid;

(b) l-Istat Membru wettaq riforniment tar-riżerva permezz ta' xiri ta' kwoti;

(c) ikun skada permess ta' installazzjoni u kull allokazzjoni li għadha ma twasslitx fil-kont tagħha tiġi trasferita lejn ir-riżerva;

(d) installazzjoni inqasmet f'żewġ installazzjonijiet jew aktar;

(e) żewġ installazzjonijiet jew aktar ġew amalgamati f'installazzjoni waħda.

Dawn il-korrezzjonijiet ma għandhomx ibiddlu l-kwantità totali ta' kwoti maħruġa stipulata fit-tabella tal-pjan nazzjonali tal-allokazzjonijiet

2. Stat Membru għandu jinnotifika bil-quddiem lill-Kummissjoni kull korrezzjoni fil-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet tiegħu għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, flimkien ma' kull korrezzjoni korrispondenti fit-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet tiegħu. Jekk il-korrezzjoni fit-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet tkun ibbażata fuq il-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet innotifikat lill-Kummissjoni li ma kienx ġie miċħud skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87/KE jew li fuqu l-Kummissjoni aċċettat emendi u dik il-korrezzjoni tirriżulta minn titjib fid-dejta, il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali biex idaħħal il-korrezzjoni korrispondenti fit-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet miżmum fl-EUTL.

3. Wara kwalunkwe korrezzjoni skont il-paragrafu 2 li ssir wara li jinħarġu jew jiġu allokati l-kwoti, u li tnaqqas il-kwantità totali tal-kwoti għall-perjodu 2008-2012, l-amministratur nazzjonali għandu jittrasferixxi l-għadd u t-tip tal-kwoti speċifikati mir-reġistru tal-Unjoni fil-kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti għall-perjodu rilevanti.

Artikolu 38

Korrezzjonijiet tat-tabelli tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni

1. L-amministratur nazzjonali jista' jwettaq il-korrezzjonijiet korrispondenti għat-tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni fl-EUTL mingħajr ma jinnotifika lill-Kummissjoni bil-quddiem, meta:

(a) beda jopera operatur tal-inġenji tal-ajru ġdid;

(b) irkantatur ingħata l-kwoti tal-Kapitolu II għall-bejgħ bl-irkant;

(c) operatur tal-inġenji tal-ajru inqasam f'żewġ operaturi tal-inġenji tal-ajru jew aktar;

(d) żewġ operaturi tal-inġenji tal-ajru jew aktar ġew amalgamati f'operatur tal-inġenji tal-ajru wieħed;

2. Dawn il-korrezzjonijiet ma għandhomx ibiddlu l-kwantità totali ta' kwoti tal-Kapitolu II stipulata fit-tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni.

3. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni kull korrezzjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1. u hu rikjest li jikkoreġi kull allokazzjoni żejda minħabba żball mill-Kummissjoni jew Stat Membru għad-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni ta' kwoti meħuda skont l-Artikolu 3e, il-paragrafu (4) tad-Direttiva 2003/87/KE Jekk il-korrezzjoni hija konformi mad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali biex jikkoreġi t-tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni abbażi ta' din id-Deċiżjoni u jdaħħalha fl-EUTL.

4. Wara kwalunkwe korrezzjoni skont il-paragrafu 2 li ssir wara li jiġu allokati l-kwoti tal-Kapitolu II skont l-Artikolu 41 u li tnaqqas il-kwantità totali tal-kwoti tal-Kapitolu II għall-perjodu 2008-2012, l-amministratur nazzjonali għandu jittrasferixxi l-għadd tal-kwoti tal-Kapitolu II speċifikati mill-amministratur Ċentrali fil-kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti għall-perjodu rilevanti.

5. Jekk amalgamazzjoni bejn operaturi tal-inġenji tal-ajru tinvolvi operaturi tal-inġenji tal-ajru li huma amministrati minn Stati Membri differenti, il-korrezzjoni skont il-paragrafu (1)(d) għandha tiġi mibdija mill-amministratur nazzjonali li jamministra l-operatur tal-inġenji tal-ajru li l-allokazzjoni tiegħu se tiġi amalgamata f'allokazzjoni ta' operatur tal-inġenji tal-ajru ieħor. Qabel ma titwettaq korrezzjoni, għandu jinkiseb kunsens mill-amministratur nazzjonali li jamministra l-operatur tal-inġenji tal-ajru li l-allokazzjoni tiegħu se tinkorpora l-allokazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru amalgamat.

Artikolu 39

Ħruġ ta' kwoti tal-Kapitolu III

1. Wara li t-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet tiddaħħal fl-EUTL, l-amministratur nazzjonali għandu, sat-28 ta' Frar tal-ewwel sena tal-perjodu 2008-12:

(a) jitrasferixxi ammont ta' AAUs maħruġa għall-perjodu 2008-2012 li jkun daqs il-kwantità ta' kwoti tal-Kapitolu III li se jinħarġu minn kont ta' depożitu ta' Parti PK għall-kont ta' depożitu tal-ETS u l-AAU;

(b) joħroġ il-kwantità totali ta' kwoti tal-Kapitolu III stipulati fit-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet fil-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali fir-reġistru tal-Unjoni.

2. Qabel l-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-amministraturi tar-reġistru tal-PK għandhom jinnotifikaw l-ID tal-kont, tal-kont ta' depożitu tal-ETS u l-AAU nnominat fir-reġistru tal-PK tagħhom, lill-Amministratur Ċentrali.

3. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jassenja kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità għal kull kwota mal-ħruġ tagħhom skont il-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri mingħajr reġistru tal-PK ma għandhomx iwettqu l-azzjoni skont il-punt (a) tal-paragrafu 1.

Artikolu 40

Allokazzjoni ta' kwoti tal-Kapitolu III

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 37 u 47, sat-28 ta' Frar ta' kull sena, l-amministratur nazzjonali għandu jittrasferixxi mill-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali għall-kont ta' depożitu miftuħ ta' operatur rilevanti, il-proporzjon tal-kwantità totali ta' kwoti tal-Kapitolu III maħruġa li kien allokat lill-installazzjoni korrispondenti għal dik is-sena skont it-taqsima rilevanti tat-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l-allokazzjonijiet.

2. Fejn previst għal installazzjoni fil-pjan nazzjonali ta' allokazzjoni tal-Istat Membru, l-amministratur nazzjonali jista' jittrasferixxi dak il-proporzjon f'data aktar tard ta' kull sena.

3. Jekk installazzjoni tkun allokata kwoti tal-Kapitolu III addizzjonali fit-tabella tal-pjan nazzjonali dwar l–allokazzjonijiet bħala riżultat ta' korrezzjonijiet skont l-Artikolu 37, l-amministratur nazzjonali għandu jittrasferixxi mill-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali għall-kont ta' depożitu miftuħ ta' operatur rilevanti l-kwoti tal-Kapitolu III allokati addizzjonalment għassena attwali fiż-żmien meta jingħata l-istruzzjonijiet biex jagħmel dan mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 41

Allokazzjoni ta' kwoti tal-Kapitolu II

1. Wara li t-tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni tkun iddaħħlet fl-EUTL, sat-28 ta' Frar 2012 l-amministratur nazzjonali għandu joħloq kwantità ta' kwoti tal-Kapitolu II fuq kull kont ta' depożitu miftuħ tal-operatur tal-inġenji tal-ajru li tkun ugwali għall-allokazzjoni stabbilita fit-tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni għad-detentur ta' dak il-kont għal dik is-sena.

2. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jassenja kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità għal kull kwota mal-ħolqien tagħhom skont il-paragrafu 1.

3. Jekk detentur ta' kont ikun allokat kwoti tal-Kapitolu III addizzjonali fit-tabella tal-pjan nazzjonali tal-allokazzjoni bħala riżultat ta' korrezzjonijiet skont l-Artikolu 38, meta jingħata l-istruzzjoni mill-awtorità kompetenti, l-amministratur nazzjonali għandu joħloq kwantità addizzjonali ta' kwoti tal-Kapitolu II allokati fuq kull kont ta' depożitu miftuħ tal-operatur tal-inġenji tal-ajru li tkun ugwali għall-allokazzjoni addizzjonali stabbilita fit-tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni għad-detentur ta' dak il-kont għal dik is-sena.

4. Meta kont ta' depożitu inattiv tal-operatur tal-inġenji tal-ajru ma jirċevix kwoti skont il-paragrafu 1, dawk il-kwoti ma għandhomx jinħolqu fil-kont jekk sussegwentement l-istatus tiegħu jinfetaħ.

Artikolu 42

Allokazzjoni ta' kwoti tal-Kapitolu III wara l-bejgħ tagħhom minn Stat Membru

Matul il-perjodu 2008-2012, jekk ikollu struzzjonijiet mill-awtorità kompetenti biex jagħmel dan, wara l-bejgħ ta' kwoti tal-Kapitolu III tal-2008-2012 minn Stat Membru, l-amministratur nazzjonali għandu jittrasferixxi kwantità ta' kwoti tal-Kapitolu III mill-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali għall-kont ta' depożitu indikat mill-awtorità kompetenti.

TAQSIMA 2

Trasferimenti ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto

Artikolu 43

Transferimenti ta' kwoti minn detenturi tal-kontijiet

Wara talba minn detentur ta' kont, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jwettaq kull trasferiment ta' kwoti miżmuma fil-kont tiegħu tar-reġistru tal-Unjoni għall-kwalunkwe kont ieħor fir-reġistru tal-Unjoni, sakemm trasferiment bħal dan ma jkunx possibbli minħabba l-istatus tal-kont tal-inizjazzjoni jew it-tip ta' kwoti li jistgħu jinżammu fil-kont tal-akkwist skont l-Artikolu 8(3).

Artikolu 44

Transferimenti ta' unitajiet ta' Kjoto mid-detenturi tal-kontijiet

Wara talba minn detentur ta' kont, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jwettaq kull trasferiment ta' unitajiet ta' Kjoto miżmuma f'kont tar-reġistru tal-Unjoni għall-kwalunkwe kont ieħor fir-reġistru tal-Unjoni jew f'reġistru tal-PK, sakemm trasferiment bħal dan ma jkunx possibbli minħabba l-istatus tal-kont tal-inizjazzjoni jew l-unitajiet ta' Kjoto li jistgħu jinżammu fil-kont tal-akkwist skont l-Artikolu 8(3).

Artikolu 45

Depożiti minimi ta' kwoti tal-Kapitolu III fil-kontijiet ta' depożitu tar-Reġistru tal-Unjoni amministrati mill-istess Stat Membru

1. Jekk trasferiment propost ta' kwoti minn detentur ta' kont skont l-Artikolu 43 jirriżulta li l-ammont totali ta' kwoti tal-Kapitolu III għall-perjodu 2008-12 miżmuma fil-kontijiet kollha tar-Reġistru tal-Unjoni amministrati mill-amministratur nazzjonali ta' Stat Membru partikolari ikun inqas mill-kwantità ta' unitajiet ta'Kjoto li teħtieġ tinżamm fir-reġistru tal-PK ta' dak l-Istat Membru skont id-Deċiżjoni 11/CMP.1 bħala r-riżerva tal-perjodu ta' impenn, bl-ammont tal-unitajiet ta' Kjoto attwalment miżmuma fir-reġistru tal-PK ta' dak l-Istat Membru barra mill-kontijiet ta' depożitu ETS AAU u l-kontijiet tal-kanċellazzjoni mnaqqsa minnhom, l-EUTL għandu jirrifjuta t-trasferiment propost.

2. Jekk trasferiment propost ta' kwoti minn detentur ta' kont skont l-Artikolu 43 jirriżulta li l-ammont totali ta' kwoti tal-Kapitolu III għall-perjodu 2008-2012 miżmuma fil-kontijiet kollha tar-Reġistru tal-Unjoni amministrati mill-amministraturi nazzjonali tal-eqdem ħmistax-il Stat Membru ikun inqas mill-kwantità ta' unitajiet ta'Kjoto li teħtieġ tinżamm fir-reġistru tal-PK ta' dawn l-Istati Membri skont id-Deċiżjoni 11/CMP.1 bħala r-riżerva tal-perjodu ta' impenn tal-Unjoni Ewropea, bl-ammont tal-unitajiet ta' Kjoto attwalment miżmuma fir-reġistri tal-PK ta' dawk l-Istati Membri barra mill-kontijiet ta' depożitu ETS AAU u l-kontijiet tal-kanċellazzjoni mnaqqsa minnhom, l-EUTL għandu jirrifjuta t-trasferiment propost.

TAQSIMA 3

Ċediment ta' Kwoti, ERUs u CERs

Artikolu 46

Ċediment ta' kwoti

1. Operatur jew operatur tal-inġenji tal-ajru għand jċedi l-kwoti għall-perjodu 2008-2012 billi jipproponi lir-reġistru tal-Unjoni biex:

(a) jitrasferixxi għadd speċifikat ta' kwoti għall-perjodu 2008-12 mill-kont ta' depożitu tal-operatur jew tal-kont ta' depożitu tal-operatur tal-inġenji tal-ajru fil-kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti;

(b) Jirreġistra l-għadd u t-tip ta' kwoti trasferiti bħala ċeduti għall-emissjonijiet tal-installazzjoni tal-operatur jew għall-emissjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru fil-perjodu attwali.

2. Il-kwoti tal-Kapitolu II jistgħu jiġu ċeduti biss minn operaturi tal-inġenji tal-ajru

3. Kwota li diġà kienet ġiet ċeduta ma tistax terġa tiġi ċeduta.

Artikolu 47

Ċediment tal-kwoti fuq struzzjoni tal-awtorità kompetenti

Jekk ikollu struzzjonijiet mill-awtorità kompetenti, l-amministratur nazzjonali għandu jċedi parti mill-proporzjon, jew il-propozjon kollu, tal-kwantità totali ta' kwoti maħruġa li kienet allokata lil operatur ta' installazzjoni jew ta' inġenji tal-ajru għal sena speċifika, billi jirreġistra l-għadd tal-kwoti ċeduti għal dak l-operatur ta' installazzjoni jew ta' inġenji tal-ajru għall-perjodu attwali.

Artikolu 48

Ċediment ta' CERs u ERUs

1. Iċ-ċediment ta' ERUs u CERs minn operatur skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jseħħ permezz ta' operatur li jipproponi lir-reġistru tal-Unjoni biex:

(a) jitrasferixxi għadd speċifikat ta' CERs jew ERUs għall-perjodu 2008-2012 mill-kont ta' depożitu tal-operatur rilevanti fil-:

(i) kont ta' depożitu ta' Parti PK tal-Istat Membru li qed jamministra, fil-każ ta' kontijiet amministrati minn Stati Memrbi b'reġistru tal-PK;

(ii) kont ta' kanċellazzjoni tar-reġistru tal-Unjoni, fil-każ ta' kontijiet amministrati mill-Istati Membri mingħajr reġistru tal-PK;

(b) jirreġistra l-għadd ta' CERs u ERUs trasferiti bħala ċeduti għall-emissjonijiet tal-installazzjoni tal-operatur fil-perjodu attwali.

2. Iċ-ċediment ta' ERUs u CERs minn operatur tal-inġenji tal-ajru skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jseħħ permezz tal-operatur tal-inġenji tal-ajru li jipproponi lir-reġistru tal-Unjoni biex:

(a) jitrasferixxi għadd speċifikat ta' CERs jew ERUs għall-perjodu 2008-2012 mill-kont ta' depożitu tal-operatur tal-inġenji tal-ajru rilevanti fil-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni fir-reġsitru tal-Unjoni.

(b) jirreġistra l-għadd ta' CERs u ERUs trasferiti bħala ċeduti għall-emissjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru fil-perjodu attwali.

3. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jippermetti ċ-ċediment ta' CERs u ERUs biss sa:

(a) il-kwantità massima stipulata mill-amministratur nazzjonali ta' kont ta' depożitu ta' operatur, fil-każ ta' operaturi;

(b) għall-2012, 15 % tal-għadd ta' kwoti meħtieġa li jiġu ċeduti skont l-Artikolu 12(2a) tad-Direttiva 2003/87/KE fil-każ ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru;

4. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jirrifjuta kull talba għal ċediment ta' CERs u ERUs li jwasslu biex jinqabeż l-ammont massimu ta' CERs u ERUs li jistgħu jiġu ċeduti mill-operaturi ta' Stat Membru skont il-pjan nazzjonali tal-allokazzjoni tal-Istat Membru.

5. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jirrifjuta kull talba għal ċediment ta' CERs jew ERUs li huma pprojbiti milli jintużaw fl-ETS skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 87/2003/KE.

6. CER jew ERU li kienet diġà ċeduta ma tistax terġa tiġi ċeduta u lanqas trasferita f'kont ta' depożitu ta' operatur jew persuna fl-EU ETS.

7. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jipprovdi proċessi awtomatizzati biex jiżgura li d-detenturi ta' kont ma jkunux jistgħu iċedu unitajiet f'kontijiet inkorretti skont l-Artikoli 46 u 48.

TAQSIMA 4

Tneħħija ta' Kwoti u kanċellazzjoni ta' Unitajiet ta' Kjoto

Artikolu 49

Tneħħija ta' kwoti

1. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jwettaq kwalunkwe talba minn detentur ta' kont skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE biex jitneħħew kwoti miżmuma fil-kontijiet tad-detentur tal-kont billi:

(a) jittrasferixxi għadd speċifiku ta' kwoti mill-kont rilevanti għall-kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti; u

(b) jirreġistra l-għadd tal-kwoti ttrasferiti bħala mneħħija għassena attwali.

2. Il-kwoti mneħħija ma għandhomx jiġu rreġistrati bħala ċeduti għall-ebda emissjoni.

3. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jirrifjuta t-talba għat-tneħħija ta' kwoti jekk tkun mibdija minn kont amministrat minn Stat Membru li ma jkollux reġistru tal-PK u tkun tirriżulta fi kwantità minima depożitata kkalkulata għal dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 52 li tkun inqas mill-kwantità gateway ikkalkulata għal dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 53.

Artikolu 50

Kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto

Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jwettaq kwalunkwe talba minn detentur ta' kont skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE biex jikkanċella unitajiet ta' Kjoto miżmuma fil-kontijiet tad-detentur tal-kont billi jsir trasferiment ta' tip u għadd speċifikat ta' unitajiet ta' Kjoto mill-kont rilevanti għall-kont ta' kanċellazzjoni tar-reġistru tal-PK tal-amministratur tal-kont.

TAQSIMA 5

Inverżjoni ta' tranżazzjoni

Artikolu 51

Inverżjoni ta' proċessi ffinalizzati li nbdew bi żball

1. Jekk detentur ta' kont jew amministratur tar-reġistru li jaġixxi f'isem detentur ta' kont mingħajr intenzjoni jew bi żball jagħti bidu għal waħda mit-tranżazzjonijiet elenkati f'paragrafu 2, id-detentur tal-kont jista' jipproponi lill-amministratur tal-kont tiegħu biex iwettaq inverżjoni tat-tranżazzjoni li tlestiet permezz ta' talba bil-miktub. It-talba għandha tiġi ffirmata kif xieraq mir-rappreżentant jew rappreżentanti awtorizzati tad-detentur tal-kont li huma awtorizzati biex jibdew it-tip ta' tranżazzjoni li trid tiġi invertita u għandha tintbagħat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-finalizzazzjoni tal-proċess. It-talba għandu jkun fiha dikjarazzjoni li tindika li t-tranżazzjoni nbdiet bi żball jew mhux intenzjonalment.

2. Id-detenturi ta' kont jistgħu jippproponu l-inverżjoni tat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-allokazzjoni ta' kwoti tal-Kapitolu III;

(b) l-allokazzjoni ta' kwoti tal-Kapitolu II;

(c) iċ-ċediment ta' kwoti;

(d) iċ-ċediment ta' CERs u ERUs;

(e) it-tneħħija ta' kwoti;

(f) il-kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto.

3. Jekk l-amministratur tal-kont jistabbilixxi li t-talba tissodisfa l-kundizzjonijiet li jaqaw taħt il-paragrafu 1 u l-amministratur jaqbel mat-talba, jista' jipproponi l-inverżjoni tat-tranżazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni.

4. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jaċċetta l-proposta għall-inverżjoni, jimblokka l-unitajiet li se jiġu trasferiti permezz tal-inverżjoni u jibgħat il-proposta lill-Amministratur Ċentrali sakemm il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) it-tranżazzjoni li se tiġi invertita ma tlestietx aktar minn 30 jum ta' xogħol qabel il-proposta tal-amministratur tal-kont skont il-paragrafu 3;

(b) l-ebda operatur ma jsir mhux konformi għal xi sena preċedenti bħala riżultat tal-inverżjoni;

(c) il-kont destinatarju tat-tranżazzjoni li se tiġi invertita xorta żżomm l-ammont ta' unitajiet tat-tip li kienu involuti fit-tranżazzjoni li se tiġi invertita;

(d) it-tranżazzjoni li se tiġi invertita sa issa ma ġietx segwita bi tnaqqis skont l-Artikolu 52 mill-kwantità minima depożitata wara trasferiment ta' kontijiet li jkun sar abbażi tat-tranżazzjoni li se tiġi invertita;

(e) l-allokazzjoni tal-kwoti tal-Kapitolu III li se tiġi invertita twettqet wara d-data ta' skadenza tal-permess tal-installazzjoni.

5. L-Amministratur Ċentrali għandu japprova l-proposta fi żmien 10 ijiem ta' xogħol. Meta t-tranżazzjoni li għandha tiġi invertita tinvolvi t-trasferimenti ta' unitajiet ta' Kjoto minn reġistru tal-PK għal reġistru tal-PK ieħor, din l-approvazzjoni għandha tingħata biss jekk l-amministratur tal-ITL jaqbel li jinverti t-tranżazzjoni fl-ITL.

6. Ir-reġistru tal-Unjoni jista' jlesti l-inverżjoni b'unitajiet differenti tal-istess tip ta' unità li jkunu fuq l-istess kont destinatarju tat-tranżazzjoni li qed tiġi invertita.

TAQSIMA 6

Mekkaniżmi ta' Kontabbiltà

Artikolu 52

Kwantità minima depożitata fuq il-kont ta' depożitu ETS AAU

1. L-EUTL għandu jirreġistra kwantità minima depożitata għal kull Stat Membru. Fil-każ tal-Istati Membri bir-reġistru tal-PK, l-EUTL se jippreveni li jsiru trasferimenti ta' unitajiet ta' Kjoto mill-kont ta' depożitu ETS AAU tagħhom li jirriżultaw f'depożiti ta' unitajiet ta' Kjoto fuq kont ta' depożitu ETS AAU li jkunu inqas mill-kwantità minima depożitata. Fil-każ tal-Istati Membri mingħajr reġistru tal-PK, il-kwantità minima depożitata hija valur użat fil-proċess ta' approvazzjoni.

2. L-EUTL għandu jżid kwantità mal-kwantità minima depożitata wara li tkun twettqet ħarġa tal-kwoti tal-Kapitolu III skont l-Artikolu 39, fejn iż-żieda għandha tkun daqs l-ammont tal-kwoti tal-Kapitolu III maħruġa.

3. L-EUTL għandu jnaqqas kwantità mill-kwantità minima depożitata eżattament wara:

(a) li jkun sar trasferiment tal-kwoti tal-Kapitolu III għal kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti b'riżultat ta' b'korrezzjoni 'l isfel tal-kwoti tal-Kapitolu III wara l-allokazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 37(3), fejn it-tnaqqis għandu jkun daqs l-ammont tal-kwoti tal-Kapitolu III trasferiti;

(b) li jkunu twarrbu unitajiet ta' Kjoto skont iċ-ċediment ta' kwoti tal-Kapitolu III minn operaturi tal-inġenji tal-ajru skont l-Artikolu 54, fejn it-tnaqqis għandu jkun daqs l-ammont imwarrab;

(c) li jkunu ġew ikkanċellati unitajiet ta' Kjoto skont it-tneħħija ta' kwoti tal-Kapitolu III skont l-Artikolu 55(1), fejn it-tnaqqis għandu jkun daqs l-ammont ikkanċellat;

(d) li jkunu tneħħew ta' kwoti stipulati fl-Artikolu 55(2), fejn it-tnaqqis għandu jkun daqs il-kwantità kanċellat mneħħija.

4. L-Amministratur Ċetrali għandu jwettaq tnaqqis ta' kwantità mill-kwantità minima depożitata rreġistrata fl-EUTL wara li jkunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 56. It-tnaqqis għandu jkun daqs l-ammont totali ta' kwoti tal-Kapitolu III ċeduti minn kontijiet tal-utent amministrati mill-amministratur nazzjonali tal-Istat Membru għall-perjodu 2008-12; flimkien mal-valur ta' approvazzjoni kkalkolat skont l-Artikolu 56(3).

Artikolu 53

Kwantità gateway u kont ta' depożitu gateway

1. L-EUTL għandu jirreġistra kwantità gateway għal kull Stat Membru mingħajr reġistru tal-PK.

2. L-EUTL għandu jżid kwantità mal-kwantità gateway wara li jiġu trasferiti l-kwoti tal-Kapitolu III minn kont tal-utent amministrat minn Stat Membru mingħajr reġistru tal-PK għal kont tal-utent amministrat minn Stat Membru ieħor, fejn iż-żieda għandha tkun daqs l-ammont tal-kwoti tal-Kapitolu III trasferiti.

3. L-EUTL għandu jnaqqas kwantità mill-kwantità gateway wara li jiġu trasferiti l-kwoti tal-Kapitolu III minn kont tal-utent amministrat minn Stat Membru għal kont tal-utent amministrat minn Stat Membru mingħajr reġistru tal-PK, fejn it-tnaqqis għandu jkun daqs l-ammont tal-kwoti tal-Kapitolu III trasferiti.

4. L-EUTL mhuwiex se jippermetti trasferimenti ta' kwoti tal-Kapitolu III minn kontijiet amministrati minn Stat Membru mingħajr reiġistru tal-PK li jirriżultaw fi kwantità gateway ogħla mill-ammont ta' unitajiet ta' Kjoto miżmuma fil-kont ta' depożitu gateway għal dak l-Istat Membru.

5. Sal-1 ta' Lulju 2013 jew sat-tlestija tal-approvazzjoni stipulata fl-Artikolu 56, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard, l-EUTL mhuwiex se jippermetti trasferimenti ta' unitajiet ta' Kjoto mill-kont ta' depożitu gateway għal Stat Membru partikolari mingħajr reġistru tal-PK li jirriżultaw f'depożiti fuq kont ta' depożitu gateway għal dak l-Istat Membru li jkunu inqas mill-kwantità gateway.

6. Wara l-1 ta' Lulju 2013 jew wara t-tlestija tal-approvazzjoni stipulata fl-Artikolu 56, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard, l-Amministratur Ċentrali għandu jreġġa lura l-kwantità gateway għal żero u jiżvojta l-kont ta' depożitu gateway permezz ta' trasferimenti mwettqa fl-ordni ta' preċedenza li ġejja:

(a) trasferimenti skont l-Artikolu 54(2);

(b) trasferimenti għall-kont ta' depożitu ETS AAU tal-Istat Membru permezz tal-gateway sal-kwantità meħtieġa biex jiġi żgurat il-proċess bankarju ta' kwoti tal-Kapitolu III skont l-Artikolu 57;

(c) trasferimenti għall-kont ta' depożitu ta' Parti PK tal-Unjoni Ewropea sal-ammont tat-trasferiment preċedenti kollha minn dak l-ammont għall-kont ta' depożitu gateway;

(d) trasferimenti għall-kont ta' depożitu ta' Parti PK tal-Istat Membru permezz tal-kont ta' depożitu gateway.

Artikolu 54

Twarrib ta' AAUs skont il-kwoti tal-Kapitolu III ċeduti minn operaturi tal-inġenji tal-ajru

1. Sal-5 ta' Mejju 2013 u kull sena minn dakinhar 'l hemm, l-amministraturi tar-reġistru PK tal-Istati Membri b'reġistru tal-PK għandhom jittrasferixxu fil-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni ammont ta' AAUs li jkun daqs l-ammont ta' kwoti tal-Kapitolu III ċeduti mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru skont l-Artikolu 46 għall-perjodu attwali bejn l-1 ta' Mejju tas-sena preċedenti u t-30 ta' April tas-sena attwali.

2. Sal-1 ta' Lulju 2013 jew meta jitlesta l-proċess ta' approvazzjoni fl-Artikolu 56, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard, l-Amministratur Ċentrali għandu jitrasferixxi mill-kont ta' depożitu gateway ta' Stat Membru mingħajr reġistru tal-PK fil-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni ammont ta' unitajiet ta' Kjoto li jkun daqs l-inqas minn dawn li ġejjin:

(a) l-ammont totali ta' kwoti tal-Kapitolu III ċeduti mill-kontijiet ta' depożitu tal-operatur tal-inġenji tal-ajru amministrati minn dak l-Istat Membru mingħajr reġistru tal-PK;

(b) l-ammont totali ta' unitajiet miżmuma fuq il-kont gateway.

Artikolu 55

Kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto skont it-tneħħija ta' kwoti tal-Kapitolu III

1. Sal-5 ta' Mejju 2013 u kull sena minn dakinhar 'l hemm kull amministratur tar-reġistru PK għandu jitrasferixxi ammont ta' AAUs, ERUs jew CERs, imma mhux lCERs jew tCERs għall-kont ta' kanċellazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni. L-ammont trasferit għandu jkun daqs l-ammont ta' kwoti tal-Kapitolu III li tneħħew skont l-Artikolu 49 minn kontijiet tal-utent amministrati mill-Istat Membru tiegħu bejn l-1 ta' Mejju tas-sena preċedenti u t-30 ta' April tas-sena attwali.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 amministratur tar-reġistru mhuwiex obbligat li jitrasferixxi fil-kont ta' kanċellazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni ammonti ta' AAUs, ERUs, jew CERs daqs l-ammont ta' dawk li tneħħew li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tneħħija twettqet f'kont amministrat minn Stat Membru li ma għandux reġistru tal-PK;

(b) it-tneħħija twettqet wara t-30 ta' April tas-sena wara l-aħħar sena tal-perjodu.

Artikolu 56

Approvazzjoni ta' trasferimenti ta' kwoti

1. Wara t-tmiem tal-perjodu 2008-2012, sabiex jiġi żgurat li t-trasferimenti tal-kwoti tal-Kapitolu III bejn il-kontijiet amministrati minn amministraturi nazzjonali ta' Stati Membri differenti jiġu segwiti b'ammont ugwali ta' unitajiet ta' Kjoto trasferiti bejn ir-reġistri tal-PK, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 4.

2. Fl-ewwel jum ta' xogħol wara l-1 ta' Ġunju 2013, jew il-jum wara li jitlestew it-tibdiliet kollha għall-kwantitajiet minimi depożitati relatati mal-korrezzjonijiet 'l isfel tal-kwoti stipulati fl-Artikolu 52(3)(a), skont liema minnhom tkun l-aktar tard, l-Amministratur Ċentrali għandu jikkalkula valur ta' approvazzjoni għal kull Stat Membru u jinnotifika lill-amministraturi nazzjonali b'dan.

3. Fil-każ ta' Stati Membri b'reġistru tal-PK, il-valur ta' approvazzjoni għandu jkun ugwali għal:

(a) kwantità minima depożitata fl-1 ta' Ġunju; li minnha jitnaqqas;

(b) l-ammont totali ta' kwoti tal-Kapitolu III ċeduti minn operaturi amministrati mill-amministratur nazzjonali tal-Istat Membru għall-perjodu 2008-12.

4. Fil-każ ta' Stat Membri mingħajr reġistru tal-PK, il-valur ta' approvazzjoni għandu jkun daqs il-kwantità gateway ikkalkulata skont l-Artikolu 53 fl-1 ta' Ġunju 2013.

5. Fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara n-notifika stipulata fil-paragrafu 2, kull amministratur tar-reġistru PK li l-Istat Membru tiegħu kellu valur ta' approvazzjoni pożittiv għandu jitrasferixxi ammont ta' AAUs daqs il-valur ta' approvazzjoni fil-kont ETS ta' approvazzjoni ċentrali fir-reġistru tal-Unjoni. Fil-każ ta' Stati Membri mingħar reġistru tal-PK, dan it-trasferiment għandu jitwettaq mill-Amministratur Ċentrali mill-kont ta' depożitu gateway għall-Istat Membru mingħajr reġistru tal-PK.

6. Fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mit-tlestija ta' trasferimenti stipulati fil-paragrafu 5, l-Amministratur Ċentrali għandu jitrasferixxi mill-kont ETS ta' approvazzjoni ċentrali fir-reġistru tal-Unjoni għall-kont ta' depożitu ta' Parti PK fir-reġistru tal-PK ta' kull Stat Membru b'valur ta' approvazzjoni negattiv li jkun daqs il-bilanċ pożittiv ekwivalenti tal-valur ta' approvazzjoni. Fil-każ tal-Istati Memrbi mingħajr reġistri tal-PK, dan l-ammont għandu jiġi trasferit fil-kont ta' depożitu gateway.

Artikolu 57

Ibbankjar bejn il-perjodi

Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mit-tlestija tat-tranżazzjonijiet ta' approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 56, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jneħħi l-kwoti tal-Kapitolu III u l-kwoti tal-Kapitolu II validi għall-perjodu 2008-2012 miżmuma fil-kontijiet tal-utent fir-reġistru tal-Unjoni u joħroġ ammont ugwali ta' kwoti tal-Kapitolu III validi għall-perjodu 2013-2020 għall-istess kontijiet.

Artikolu 58

Irtirar ta' AAUs, ERUs jew CERs skont l-emissjonijiet tal-avjazzjoni domestika tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru

1. Sat-30 ta' Settembru tas-sena wara s-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Amministratur Ċentrali għandu jitrasferixxi ammont ta' unitajiet ta' Kjoto mill-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni fil-kont ta' depożitu tal-Parti ta' kull Stat Membru li jkun daqs dawk l-emissjonijiet ivverifikati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru li huma inklużi fl-inventarju nazzjonali skont il-UNFCCC ta' dak l-Istat Membru għal dik is-sena. L-ammonti trasferiti b'dan il-mod għandhom jikkostitwixxu l-ammonti ta' AAUs safejn huwa possibbli. Jekk l-AAUs fil-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni mhumiex biżżejjed biex jikkompletaw it-trasferimenti kollha, l-Amministratur Ċentrali għandu preferibbilment jittrasferixxi l-AAUs għal dawk l-Istati Membri li l-emissjonijiet tal-avjazzjoni domestika huma inqas mill-ammont ta' AAUs li ttrasferew fil-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 54(1).

2. Jekk id-depożiti tal-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni mhumiex biżżejjed biex iwettqu t-trasferiment stipulat fil-paragrafu 1, l-ammonti kollha li għandhom jiġu trasferiti għandhom jitnaqqsu b'fattur li għandu jkun daqs l-unitajiet totali miżmuma fil-kont ta' twarrib u ċediment tal-avjazzjoni diviż bl-ammont totali ta' unitajiet li jeħtieġ li jiġu trasferiti.

KAPITOLU VII

REKWIŻITI TEKNIĊI TAS-SISTEMA TA' REĠISTRI

TAQSIMA I

Disponibbiltà

Artikolu 59

Disponibbiltà u affidabbiltà tar-reġistru tal-Unjoni u l-EUTL

1. L-EUTL għandu jwieġeb kull messaġġ minn kull reġistru fi żmien 24 siegħa mill-wasla tiegħu.

2. L-amministratur Ċentrali għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli biex jiżgura li:

(a) ir-reġistru tal-Unjoni huwa disponibbli għall-aċċess minn detenturi ta' kont 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa;

(b) il-konnessjonijiet tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) bejn ir-reġistru tal-Unjoni u l-EUTL jinżammu 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa;

(c) jkunu provvduti l-ħardwer u s-softwer ta' riżerva meħtieġa fil-każ ta' ħsara fl-operazzjonijiet tal-ħardwer u tas-softwer primarji;

(d) ir-reġistru tal-Unjoni u l-EUTL iwieġbu minnufih għat-talbiet li jsiru mid-detenturi tal-kontijiet.

3. L-Amministratur Ċentrali għandu jiżgura li r-reġistru tal-Unjoni u l-EUTL jinkorporaw sistemi u proċeduri sodi għas-salvagwardja tad-dejta kollha u l-irkupru minnufih tad-dejta u l-operazzjonijiet kollha fil-każ ta' diżastru.

4. L-Amministratur Ċentrali għandu jżomm l-interuzzjonijiet fl-operat tar-reġistru tal-unjoni u fl-EUTL għall-minimu.

Artikolu 60

Servizzi ta' Assistenza (Helpdesks)

1. L-amministraturi nazzjonali għandhom jipprovdu l-assistenza u s-sostenn lil detenturi ta' kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni li huma amministrati minnhom permezz tas-servizzi ta' assistenza nazzjonali.

2. L-Amministratur Ċentrali għandu jipprovdi s-sostenn lill-amministraturi nazzjonali permezz ta' Servizz ta' Assistenza Ċentrali biex jgħinhom jipprovdu assistenza skont il-paragrafu 1.

TAQSIMA 2

Sigurtà u awtentifikazzjoni

Artikolu 61

Awtentifikazzjoni ta' reġistri u l-EUTL

1. L-identità tar-reġistru tal-Unjoni għandha tiġi awtentikata mal-EUTL bl-użu ta' ċertifikati diġitali u usernames u passwords kif indikat fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

2. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jużaw iċ-ċertifikati diġitali maħruġa mis-Segretarjat tal-UNFCCC, jew entità maħtura minnha, biex jawtentikaw ir-reġistri tagħhom lill-ITL bil-għan li jistabbilixxu l-konnessjoni tal-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5.

Artikolu 62

Aċċess ta' kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni

1. Id-detenturi ta' kontijiet għandu jkollhom aċċess għall-kontijiet tagħhom fir-reġistru tal-Unjoni permezz taż-żona sigura tar-reġistru tal-Unjoni. L-Amministratur Ċentrali għandu jiżgura li ż-żona sigura tal-websajt tar-reġistru tal-Unjoni tkun aċċessibbli permezz tal-Internet. Il-websajt tar-reġistru tal-Unjoni għandha tkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea.

2. L-Amministratur Ċentrali għandu jiżgura li l-kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni fejn l-aċċess permezz ta' pjattaformi tal-kummerċ skont l-Artikolu 19(3) huwa permess u rappreżentant awtorizzat wieħed huwa wkoll ir-rappreżentant awtorizzat ta' kont ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ jkunu aċċessibbli għall-pjattaforma tal-kummerċ mid-detentur ta' dak il-kont ta' depożitu tal-pjattaforma tal-kummerċ.

3. Il-komunikazzjonijiet bejn ir-rappreżentanti awtorizzati jew il-pjattaformi tal-kummerċ u ż-żona sigura tar-reġistru tal-Unjoni għandhom ikunu kriptati f'konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà stipulati fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

4. L-amministratur Ċentrali għandu jwettaq il-passi kollha meħtieġa biex jiżgura li ma jseħħx aċċess mhux awtorizzat fiż-żona sigura tal-websajt tar-reġistru tal-Unjoni.

5. Jekk is-sigurtà tal-kredenzjali ta' rappreżentant awtorizzat jew ta' rappreżentanti awtorizzati addizzjonali ġiet kompromessa, ir-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali għandhom jinformaw lill-amministratur tal-kont minnufih u jitolbu sostituzzjoni.

Artikolu 63

Awtentifikazzjoni u awtorizzazzjoni tar-rappreżentanti awtorizzati fir-reġistru tal-Unjoni

1. Ir-reġistru tal-unjoni għandu jagħti username u password lil kull rappreżentant awtorizzat jew rappreżentanti awtorizzati addizzjonali biex jawtentikahom bil-għan li jaċċessaw ir-reġistru.

2. Rappreżentant awtorizzat jew rappreżentanti awtorizzati għandu jkollhom aċċess biss għall-kontijiet f'reġistru tal-Unjoni li hu jkun awtorizzat li jaċċessa u għandu jkun jista' jitlob biss il-bidu tal-proċessi li huwa awtorizzat jitlob skont l-Artikolu 19. Dak l-aċċess jew dik it-talba għandha sseħħ permezz ta' żona sigura tal-websajt ta' dak ir-reġistru tal-Unjoni.

3. Barra mill-username u l-password imsemmija fil-paragrafu 1, l-amministraturi nazzjonali għandhom jipprovdu awtentifikazzjoni sekondarja lill-kontijiet kollha amministrati minnhom. It-tipi ta' mekkaniżmi tal-awtentifikazzjoni sekondarja li jistgħu jintużaw għall-aċċess tar-Reġistru tal-Unjoni għandhom ikunu stipulati fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

4. L-amministratur ta' kont jista' jassumi li utent lil kien awtentikat b'suċċess mir-Reġistru tal-Unjoni huwa r-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali rreġistrat skont il-kredenzjali ta' awtentifikazzjoni pprovvduti sakemm ir-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali jinforma lill-amministratur tal-kont li s-sigurtà tal-kredenzjali tiegħu ġiet kompromessa u jitlob li tinbidel.

Artikolu 64

Sospensjoni tal-aċċess kollu minn rappreżentanti awtorizzati minħabba ksur tas-sigurtà

1. L-Amministratur Ċentrali jista' jissospendi l-aċċess għar-reġistru tal-Unjoni jew l-EUTL jekk ikun hemm ksur tas-sigurtà tar-reġistru tal-Unjoni jew l-EUTL li thedded l-integrità tas-sistema tar-reġistri, inklużi l-faċilitajiet ta' riżerva msemmija fl-Artikolu 59.

2. L-Amministratur ta' reġistru tal-PK jista' jissospendi l-aċċess mill-utenti kollha għar-reġistru tal-PK jekk ikun hemm ksur tas-sigurtà tar-reġistru tal-PK li thedded l-integrità tas-sistema tar-reġistri, inklużi l-faċilitajiet ta' riżerva msemmija fl-Artikolu 59.

3. Fil-każ ta' ksur tas-sigurtà li jista' jwassal għal sospensjoni ta' aċċess, l-amministratur li jiġi konxju tal-ksur għandu jinforma minnufih lill-Amministratur Ċentrali bi kwalunkwe riskju għal partijiet oħra tas-sistema tar-reġistri. L-Amministratur Ċentrali għandu mbagħad jinforma lill-amministraturi l-oħra kollha.

4. Jekk amministratur jiġi konxju ta' sitwazzjoni li teħtieġ is-sospensjoni tal-aċċess kollu għas-sistema tiegħu, hu għandu jinforma lill-Amministratur Ċentrali u lid-detenturi tal-kontijiet b'tali avviż minn qabel dwar is-sospensjoni kif ikun prattikabbli. L-Amministratur Ċentrali għandu jinforma lill-amministraturi l-oħra kollha mill-aktar fis.

5. L-avviż msemmi fil-paragrafu 3 għandu jinkludi t-tul mistenni tas-sospensjoni u għandu jintwera b'mod ċar fiż-żona pubblika tal-websajt ta' dak ir-reġistru tal-PK jew fiż-żona pubblika tal-websajt tal-EUTL.

Artikolu 65

Sospensjoni ta' proċessi

1. Il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali biex temporanjament jissospendi l-aċċettazzjoni mill-EUTL tal-proċessi kollha, jew uħud minnhom, li joriġinaw mir-reġistru tal-PK, jekk dak ir-reġistru ma jkunx imħaddem u miżmum skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandha tinnotifika minnufih lill-amministratur tar-reġistru tal-PK b'dan.

2. Il-Kummissjoni tista' tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali biex temporanjament jissospendi l-aċċettazzjoni mill-EUTL tal-proċessi kollha, jew uħud minnhom, li joriġinaw mir-reġistru tal-Unjoni, jekk dak ir-reġistru ma jkunx imħaddem u miżmum skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandha tinnotifika minnufih lill-amministraturi nazzjonali b'dan.

3. L-amministratur ta' reġistru tal-PK jista' jitlob lill-Amministratur Ċentrali biex temporanjament jissospendi t-trażmissjoni tal-proċessi kollha, jew uħud minnhom, lill-reġistri tal-PK tiegħu bil-għan li titwettaq manutenzjoni fir-reġistri tal-PK tiegħu.

4. L-Amministratur Ċentrali jista' temporanjament jissospendi l-bidu jew l-aċċettazzjoni tal-proċessi kollha, jew xi wħud minnhom, fir-reġistru tal-Unjoni bil-għan li titwettaq manutenzjoni skedata fir-reġistru tal-Unjoni.

5. Amministratur tar-reġistru tal-PK jista' jitlob lill-amministratur ċentrali biex jimplimenta mill-ġdid il-proċessi sospiżi skont il-paragrafu 1 jekk hu jistma li kienu riżolti l-kwistjonijiet pendenti li kkawżaw is-sospensjoni. L-Amministratur Ċentrali għandu jinforma lill-amministratur tar-reġistru bid-deċiżjoni tiegħu mill-aktar fis.

TAQSIMA 3

Kontroll, reġistrazzjoni u tlestija awtomatizzati ta' Proċessi

Artikolu 66

Kontroll awtomatizzat ta' proċessi

1. Il-proċessi kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali tal-IT ta' messaġġi elettroniċi li jiżguraw il-qari, il-kontroll u r-reġistrazzjoni b'suċċess ta' proċess mir-reġistru tal-Unjoni. Il-proċessi kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi relatati mal-proċess stipulati fil-Kapitolu IV sa VI ta' dan ir-Regolament.

2. L-EUTL għandu jwettaq kontrolli awtomatizzati għall-proċessi kollha biex jidentifika l-irregolaritajiet, minn hawn 'il quddiem "id-diskrepanzi", li minħabba fihom il-proċess propost ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE u dan ir-Regolament.

Artikolu 67

Individwazzjoni ta' diskrepanzi

1. F'każ ta' proċessi li tlestew permezz ta' konnessjoni diretta ta' komunikazzjoni bejn ir-reġistru tal-Unjoni u l-EUTL imsemmija fl-Artikolu 5(2), l-EUTL għandu jtemm il-proċessi kollha meta jidentifika diskrepanzi waqt li jkunu qed jitwettqu l-kontrolli awtomatizzati msemmija fl-Artikolu 66(2), u għandu jinforma b'dan lir-Reġistru tal-Unjoni u lill-amministratur tal-kontijiet involuti fit-tranżazzjoni tterminata billi jibgħat kodiċi ta' rispons awtomatizzat. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jgħarraf minnufih lid-detenturi tal-kontijiet rilevanti li l-proċess ġie tterminat.

2. F'każ ta' tranżazzjonijiet li tlestew permezz tal-ITL imsemmi fl-Artikolu 5(1), l-ITL għandu jittermina l-proċessi kollha meta jiġu identifikati diskrepanzi mill-ITL jew l-EUTL waqt li jkunu qed jitwettqu l-kontrolli awtomatizzati msemmija fl-Artikolu 66(2). B'segwitu għat-terminazzjoni mill-ITL, l-EUTL għandu jittermina wkoll it-tranżazzjoni. L-amministraturi tar-reġistri involuti jiġu infurmati bit-terminazzjoni tat-tranżazzjoni mill-ITL billi dan jibgħat kodiċi ta' rispons awtomatizzata. Jekk

wieħed minn dawn ir-reġistri involuti jkun ir-reġistru tal-Unjoni, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jinforma wkoll lill-amministraturi tal-kontijiet tar-reġistru tal-Unjoni involuti fit-tranżazzjoni tterminata billi jibgħat kodiċi ta' rispons awtomatizzata. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jgħarraf minnufih lid-detenturi tal-kontijiet rilevanti li l-proċess ġie tterminat.

Artikolu 68

Individwazzjoni ta' diskrepanzi mir-reġistri

1. Ir-reġistru tal-Unjoni u kull reġistru ieħor għandu jkun fih kodiċijiet ta' kontroll ta' input u kodiċijiet ta' kontroll ta' rispons biex tkun żgurata l-interpretazzjoni korretta tat-tagħrif skambjat matul kull proċess. Il-kodiċijiet ta' kontroll għandhom jikkorrispondu ma' dawk li hemm fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

2. Qabel u matul it-twettiq tal-proċessi kollha, ir-reġistru tal-Unjoni għandu jwettaq kontrolli awtomatizzati adatti biex tiġi żgurata l-individwazzjoni tad-diskrepanzi u jiġu tterminati l-proċessi mhux korretti qabel jitwettqu l-kontrolli awtomatizzati mill-EUTL.

Artikolu 69

Rikonċiljazzjoni - Individwazzjoni ta' inkonsistenzi mill-EUTL

1. L-EUTL għandu perjodikament jibda rikonċiljazzjoni tad-dejta biex jiżgura li r-reġistrazzjonijiet ta' kontijiet tal-EUTL, id-depożiti tal-unitajiet ta' Kjoto u l-kwoti jaqblu mar-reġistri ta' dawn id-depożiti fir-reġistru tal-Unjoni. Għal dak il-għan l-EUTL għandu jirreġistra l-proċessi kollha.

2. L-ITL għandu perjodikament jibda rikonċiljazzjoni tad-dejta biex jiżgura li r-reġistrazzjonijiet tal-ITL tad-depożiti ta' unitajiet ta' Kjoto u tal-kwoti jaqblu mar-reġistrazzjonijiet ta' dawn id-depożiti fir-reġistru tal-Unjoni u f'kull reġistru tal-PK ieħor.

3. Jekk waqt il-proċess tar-rikonċiljazzjoni tad-dejta msemmi fil-paragrafu 1, l-EUTL jidentifika irregolarità, minn hawn 'il quddiem "inkonsistenza", fejn it-tagħrif rigward il-kontijiet, id-depożiti tal-unitajiet ta' Kjoto u tal-kwoti previsti mir-reġistru tal-Unjoni bħala parti mill-proċess perjodiku ta' rikonċiljazzjoni ikun differenti mit-tagħrif li jinsab fl-EUTL, l-EUTL għandu jiżgura li jitlestew il-proċessi ulterjuri kollha ma' kull kont, kwota jew unità ta' Kjoto li tkun is-suġġett tal-inkonsistenza. L-EUTL għandu jinforma immedjatament lill-Amministratur Ċentrali u lill-amministraturi tal-kontijiet rilevanti bi kwalunkwe inkonsistenza.

Artikolu 70

Finalizzazzjoni ta' proċessi

1. It-tranżazzjonijiet kollha kkomunikati lill-ITL skont l-Artikolu 5(1) għandhom ikunu finali meta l-ITL jinnotifika lill-EUTL li hu lesta l-proċess.

2. It-tranżazzjonijiet kollha u l-proċessi oħra kkomunikati lill-EUTL skont l-Artikolu 5(3) għandhom ikunu finali meta l-EUTL jinnotifika lir-reġistru tal-Unjoni li hu lesta l-proċessi.

3. Il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-dejta msemmi fl-Artikolu 69(1) għandu jkun finali meta jkunu riżolti l-inkonsistenzi kollha bejn it-tagħrif li jinsab fir-reġistru tal-Unjoni u t-tagħrif li jinsab fl-EUTL għal ħin u data speċifiċi, u l-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-dejta jkun inbeda mill-ġdid u tlesta b'suċċess.

TAQSIMA 4

Speċifikazzjonijiet u ġestjoni tal-Bidla

Artikolu 71

Skambju tad-Dejta u Speċifikazzjonijiet Tekniċi

Wara opinjoni tal-Kumitat tat-Tibdil fil-Klima skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE [1], il-Kummissjoni għandha tadotta l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta meħtieġa għall-iskambju tad-dejta bejn ir-reġistri u r-reġistri tat-tranżazzjonijiet, inklużi l-kodiċijiet tal-identifikazzjoni, il-kontrolli awtomatizzati u l-kodiċijiet ta' rispons, kif ukoll il-proċeduri tal-ittestjar u r-rekwiżiti tas-sigurtà meħtieġa għat-tnedija tal-iskambju tad-dejta. L-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għall-istandards tal-iskambju tad-dejta għal sistemi ta' reġistri skont il-Protokoll ta' Kjoto elaborati skont id-Deċiżjoni 12/CMP.1.

Artikolu 72

Ġestjoni tal-bidla

Jekk tkun meħtieġa verżjoni ġdida jew ħruġ ta' reġistru tal-PK, inkluż ir-reġistru tal-Unjoni, dak ir-reġistru għandu jlesti l-proċeduri tal-ittestjar stipulati fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71 qabel tkun stabbilita u attivata konnessjoni tal-komunikazzjoni bejn il-verżjoni l-ġdida jew il-ħruġ ta' dak ir-reġistru u l-EUTL jew l-ITL.

KAPITOLU VIII

REĠISTRI, RAPPORTI, KUNFIDENZJALITÀ U TARIFFI

Artikolu 73

Reġistri

1. Ir-reġistru tal-Unjoni u kull reġistru tal-PK ieħor għandhom jaħżnu r-reġistri li jikkonċernaw il-proċessi u d-detenturi tal-kontijiet kollha għal 15-il sena jew sakemm tkun riżolta kwalunkwe kwistjoni ta' implimentazzjoni relatata magħhom, skont liema waħda tkun l-aħħar.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

2. L-amministraturi nazzjonali għandhom ikunu kapaċi jaċċessaw, ifittxu u jesportaw ir-reġistri kollha miżmuma fir-reġistru tal-Unjoni fir-rigward ta' kontijiet li huma amministrati minnhom.

3. Ir-reġistri għandhom jinħażnu skont ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni tad-dejta deskritti fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta previsti fl-Artikolu 71.

Artikolu 74

Rappurtar

1. L-Amministratur Ċentrali għandu jagħmel disponibbli t-tagħrif elenkat fl-Anness XIII fil-frekwenzi u lir-riċevituri stipulati fl-Anness XIII b'mod trasparenti u organizzat permezz tal-websajt tal-EUTL. L-Amministratur Ċentrali ma għandux joħroġ tagħrif addizzjonali miżmum fl-EUTL jew fir-reġistru tal-Unjoni sakemm dan ikun permess skont l-Artikolu 75.

2. L-amministraturi Nazzjonali jistgħu jagħmlu disponibbli l-parti tat-tagħrif elenkat fl-Anness XIII li huma għandhom aċċess għalih skont l-Artikolu 73 fil-frekwenzi u lir-riċevituri stipulati fl-Anness XIII b'mod trasparenti u organizzat permezz tal-websajt aċċessibli pubblikament permezz tal-Internet. L-amministratur nazzjonali ma għandux joħorġu tagħrif addizzjonali miżmum fir-reġistru tal-Unjoni sakemm dan ikun permess skont l-Artikolu 75.

3. Il-websajt tal-EUTL għandha tippermetti lir-riċevituri tar-rapporti elenkati fl-Anness XIII li jfittxu dawk ir-rapporti permezz tal-faċilitajiet ta' tiftix.

4. L-amministraturi tar-reġistru tal-PK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit li jippubblikaw it-tagħrif relatat mal-ħruġ ta' ERUs speċifikati fil-paragrafu 46 tal-Anness għad-Deċiżjoni 13/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto fi żmien ġimgħa wara li jkun seħħ il-ħruġ.

5. Ir-reġistru tal-Unjoni u kull reġistru tal-PK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit li jippubblikaw it-tagħrif speċifikat fil-punti (a), (d), (f) u (l) tal-paragrafu 47 tal-Anness għad-Deċiżjoni 13/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto fl-1 ta' Jannar tal-ħames sena wara li jiġi rreġistrat it-tagħrif.

6. Ir-reġistru tal-Unjoni u kull reġistru tal-PK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit li jippubblikaw it-tagħrif speċifikat fil-punti (b), (c), (e), u minn (g) sa (k) tal-paragrafu 47 tal-Anness għad-Deċiżjoni 13/CMP.1 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto fl-1 ta' Jannar tal-ewwel sena wara li jiġi rreġistrat it-tagħrif.

Artikolu 75

Kunfidenzjalità

1. It-tagħrif kollu, inklużi d-depożiti tal-kontijiet kollha u t-tranżazzjonijiet kollha, miżmuma fl-EUTL u fir-reġistru tal-Unjoni u f'kull reġistru ieħor tal-PK, għandu jitqies bħala kunfidenzjali għal kwalunkwe skop għajr l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2003/87/KE jew tal-liġi nazzjonali.

2. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jiksbu d-dejta maħżuna fir-reġistru tal-Unjoni u fl-EUTL:

(a) l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stat Membru,

(b) l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni Ewropea,

(c) l-Europol,

(d) l-amministraturi nazzjonali tal-Istat Membri,

3. Id-dejta tista' tingħata lill-entitajiet elenkati skont il-paragrafu 2. fuq it-talba tagħhom lill-Amministratur Ċentrali jew lil amministratur nazzjonali jekk talbiet bħal dawn huma ġġustifikati u meħtieġa għall-skopijiet ta' investigazzjoni, individwazzjoni u prosekuzzjoni ta' frodi, amministrazzjoni jew infurzar tat-taxxa, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji.

4. Entità li tirċievi d-dejta skont il-paragrafu 3 għandha tiżgura li d-dejta li waslitilha tintuża biss għall-iskopijiet stipulati fit-talba skont il-paragrafu 3 u ma tkunx disponibbli deliberatament jew aċċidentalment għal persuni li mhumiex involuti fl-iskop maħsub tal-użu tad-dejta. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tipprekludi dawn l-entitajiet milli jagħmlu d-dejta disponibbli għal entitajiet oħra elenkati fil-paragrafu 2, jekk din hi meħtieġa għall-iskopijiet stipulati fit-talba magħmula skont il-paragrafu 3.

5. Fuq it-talba tagħhom, l-Amministratur Ċentrali jista' jipprovdi aċċess għal dejta ta' tranżazzjoni anonimizzata lill-entitajiet elenkati fil-paragrafu 2. bl-iskop ta' tfittxija għall-xejriet ta' tranżazzjoni suspettużi. L-entitajiet b'aċċess bħal dan jistgħu jinnotifikaw xejriet ta' tranżazzjoni suspettuża lil entitajiet oħra elenkati fil-paragrafu 2.

6. L-amministraturi nazzjonali għandhom jagħmlu disponibbli l-ismijiet u l-identitajiet ta' persuni li huma rrifjutawlhom il-ftuħ tal-kont, permezz ta' mezzi siguri lill-amministraturi nazzjonali l-oħra kollha skont l-Artikolu 13(3) jew 14(3), jew ta' dawk li huma rrifjutaw li jinnominaw bħala rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali skont l-Artikolu 20(3).

7. L-amministraturi nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jinnotifikaw lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi bit-tranżazzjonijiet li jinvolvu għadd ta' unitajiet 'il fuq mill-ammont determinat mill-amministratur nazzjonali u li jinnotifikaw kull kont li hu involut f'għadd ta' tranżazzjonijiet f'perjodu ta' 24 siegħa li jkun 'il fuq mill-ammont determinat mill-amministratur nazzjonali

8. Id-detenturi tal-kontijiet jistgħu jitolbu bil-kitba lill-amministratur nazzjonali li l-websajt pubblika tar-reġistru tal-Unjoni ma għandux juri l-punti ta' dejta kollha jew xi wħud minnhom, fir-ringieli 2 sa 12 tat-Tabella VI-II tal-Anness VII.

9. Id-detenturi tal-kontijiet jistgħu jitolbu bil-kitba lill-amministratur nazzjonali li l-websajt pubblika tar-reġistru tal-Unjoni turi l-punti ta' dejta kollha jew xi wħud minnhom fir-ringieli 3 sa 15 tat-Tabella IX-I tal-Anness IX.

10. La l-EUTL u lanqas ir-reġistri tal-PK ma għandhom jirrikjedu lid-detenturi tal-kontijiet li jippreżentaw tagħrif dwar il-prezz fir-rigward tal-kwoti jew tal-unitajiet ta' Kjoto.

Artikolu 76

Tariffi

1. L-Amministratur Ċentrali ma għandux jitlob tariffi lil detenturi ta' kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. L-Amministraturi nazzjonali jistgħu jitolbu tariffi raġonevoli lil detenturi ta' kontijiet amministrati minnhom.

3. L-ebda tariffa ma għandha tintalab għat-tranżazzjonijiet deskritti fil-Kapitolu VI.

4. L-Amministraturi Nazzjonali għandhom jinnotifikaw it-tariffi mitluba lill-Amministratur Ċentrali u għandhom jinnotifikawh b'kull bidliet fit-tariffa fi żmien 10 ijiem xogħol. L-Amministratur Ċentrali għandu juri t-tariffi kollha nnotifikati lilu fuq il-websajt pubbliku tiegħu.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 77

Migrazzjoni u Diżakkopjar

1. Matul l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu japplika l-proċess ta' migrazzjoni li ġej:

(a) l-amministraturi tar-reġistru tal-PK għandhom jikkonvertu kull kwota miżmuma f'kull kont li hu rikonoxxut mill-ITL bħala AAU f'AAU billi jitneħħa l-element ta' kwota mill-kodiċi uniku ta' identifikazzjoni tal-unità ta' kull AAU bħal dan u jittrasferixxiha fil-kont ta' depożitu tal-AAU ETS fir-reġistru tal-PK tagħhom,

(b) l-Amministraturi Ċentrali għandhom:

(i) joħolqu ammont ta' kwoti li mhumiex rikonoxxuti bħala AAUs mill-ITL fir-reġistru tal-Unjoni li jkun daqs l-ammont trasferit skont il-paragrafu (1)(a),

(ii) jagħmlu disponibbli fir-reġistru tal-Unjoni sett ta' kontijiet ekwivalenti għas-sett li minnu ġew trasferiti l-kwoti skont il-paragrafu (1)(a),

(iii) jittrasferixxu ammont ta' kwoti maħluqa skont (i) f'kontijiet imsemmija fi (ii). L-ammont ta' kwoti trasferiti lil kull kont bħal dan għandu jkun daqs l-ammont trasferit mill-kont ekwivalenti skont il-paragrafu (1)(a).

2. L-amministraturi tar-reġistru tal-PK u l-Amministratur Ċentrali għandu jiżgura li d-dejta storika rilevanti relatata malkont tiġi trasferita mir-reġistri tal-Istati Membri għar-reġistru tal-Unjoni.

3. Il-proċess ta' migrazzjoni għandu jiġi implimentat skont il-proċeduri definiti fl-Iskambju tad-Dejta u l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi msemmija fl-Artikolu 71. Matul il-proċess tal-migrazzjoni, l-operat tas-sistema tar-reġistri jista' jiġi sospiż mill-Amministratur Ċentrali għal perjodu sa 14-il jum kalendarju.

Artikolu 78

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 2216/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 2216/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. L-Amministratur Ċentrali jista' jistabbilixxi konnessjoni tal-komunikazzjoni ristretta bejn is-CITL u r-reġistru ta' Pajjiż Aderenti bil-għanijiet li reġistri bħal dawn ikunu jistgħu jikkomunikaw mar-Reġistru Internazzjonali tat-Tranżazzjonijiet tal-UNFCCC permezz tas-CITL u jirreġistraw dejta verifikata tal-emissjonijiet ta' operaturi fis-CITL. Reġistri bħal dawn għandhom ilestu l-proċeduri ta' ttestjar u inizjalizzazzjoni meħtieġa mir-reġistri."

(2) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 qed jinbidel bil-paragrafi 2 sa 2e li ġejjin:

"2. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jiksbu d-dejta maħżuna fir-reġistru u fis-CITL:

(a) l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stat Membru

(b) l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni Ewropea,

(c) l-Europol,

(d) l-amministraturi tar-reġistru tal-Istat Membri,

2a. Id-dejta ta' tranżazzjoni tista' tingħata lill-entitajiet elenkati skont il-paragrafu 2. fuq it-talba tagħhom lill-Amministratur Ċentrali jew lil amministratur ta' reġistru jekk talbiet bħal dawn huma ġġustifikati u meħtieġa għall-finijiet ta' investigazzjoni, individwazzjoni u prosekuzzjoni ta' frodi, amministrazzjoni jew infurzar tat-taxxa, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji.

2b. Entità li tirċievi d-dejta skont il-paragrafu 2a għandha tiżgura li d-dejta li waslitilha tintuża biss għall-finijiet stipulati fit-talba skont il-paragrafu 2a u ma tkunx disponibbli deliberatament jew aċċidentalment għal persuni li mhumiex involuti fl-iskop maħsub tal-użu tad-dejta. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tipprekludi dawn l-entitajiet milli jagħmlu d-dejta disponibbli għal entitajiet oħra elenkati fil-paragrafu 2, jekk din hi meħtieġa għall-finijiet stipulati fit-talba magħmula skont il-paragrafu 2a.

2c. Fuq it-talba tagħhom, l-Amministratur Ċentrali jista' jipprovdi aċċess għal dejta ta' tranżazzjoni anonimizzata lill-entitajiet elenkati fil-paragrafu 2. bl-iskop ta' tfittxija għall-xejriet ta' tranżazzjoni suspettużi. L-entitajiet b'aċċess bħal dan jistgħu jinnotifikaw xejriet ta' tranżazzjoni suspettuża lil entitajiet oħra elenkati fil-paragrafu 2.

2d. L-Amministraturi tar-reġistru għandhom jagħmlu disponibbli l-ismijiet u l-identitajiet ta' persuni li huma rrifjutawlhom il-ftuħ tal-kont, permezz ta' mezzi siguri lill-amministraturi ta' reġistru l-oħra kollha, jew ta' dawk li huma rrifjutaw li jinnominaw bħala rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali.

2e. L-amministraturi tar-reġistru jistgħu jiddeċiedu li jinnotifikaw lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi bit-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu għadd ta' unitajiet 'il fuq mill-ammont determinat mill-amministratur tar-reġistru u li jinnotifikaw kull kont li hu involut f'għadd ta' tranżazzjonijiet f'perjodu ta' 24 siegħa li jkun 'il fuq mill-ammont determinat mill-amministratur tar-reġistru."

(3) Fl-Artikolu 11, għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Id-detentur ta' kont ta' kont ta' depożitu ta' persuna, kont ta' verifikatur jew kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru ma jistax ibigħ jew ineħħi s-sjieda tal-kont tiegħu lil persuna oħra. Id-detentur ta' kont ta' kont ta' depożitu ta' persuna jista' jbigħ jew ineħħi l-kont ta' depożitu ta' operatur tiegħu biss flimkien mal-installazzjoni marbuta mal-kont ta' depożitu ta' operatur."

(4) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"2. Fi żmien 10 ijiem minn meta tiġi riċevuta l-applikazzjoni skont il-paragrafu 1 l-amministratur tar-reġistru għandu joħloq kont ta' depożitu ta' persuna fir-reġistru tiegħu f'konformità mal-proċess tal-ħolqien ta' kont stipulat fl-Anness VIII jew jinforma lill-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont li hu qed jirrifjuta li jiftaħ il-kont."

(5) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. L-applikant għandu jinnotifika lill-amministratur tar-reġistru fi żmien 10 ijiem xogħol bi kwalunkwe bidla fit-tagħrif fornut lill-amministratur tar-reġistru skont il-paragrafu 1. Fi żmien 10 ijiem mill-wasla ta' notifika bħal din, l-amministratur tar-reġistru għandu jaġġorna d-dettalji tal-persuna skont il-proċess ta' aġġornament tal-kontijiet stabbilit fl-Anness VIII jew jirrifjuta l-aġġornament u jinforma lid-detentur tal-kont b'dan."

(6) Fl-Artikolu 19, għandhom jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. Jekk l-amministratur nazzjonali rrifjuta li jiftaħ il-kont jew rrifjuta li jaġġorna t-tagħrif relatat mal-kont, il-persuna li qed titlob il-ftuħ ta' kont tista' tqajjem oġġezzjoni għal din iċ-ċaħda mal-awtorità kompetenti, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur tar-reġistru biex jiftaħ il-kont jew tikkonferma ċ-ċaħda f'deċiżjoni motivata. Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-ftuħ ta' kont jistgħu jkunu li l-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont tkun taħt investigazzjoni għax tkun involuta fi frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji oħra li għalihom il-kont jista' jkun strument, jew kwalunkwe raġuni oħra stipulata fil-liġi nazzjonali.

6. L-amministratur tar-reġistru jista' jirrikjedi li persuni tal-UE li qed jitolbu l-ftuħ tal-kont ikollhom ir-residenza jew ir-reġistrazzjoni permanenti tagħhom fl-Istat Membru tar-reġistru."

6. Meta ssir nomina ta' rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, id-detentur tal-kont għandu jipprovdi t-tagħrif rikjest mill-amministratur tar-reġistru. Dak it-tagħrif għandu jinkludi tal-inqas id-dokumenti u t-tagħrif dwar l-identifikazzjoni tal-persuna nnominata kif hemm stipulat fl-Anness IVa.

(7) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 21a li ġej:

"Artikolu 21a

Għeluq ta' kontijiet jew tneħħija ta' rappreżentant awtorizzat fuq l-inizjattiva tal-amministratur

1. Jekk is-sitwazzjoni li qed twassal għas-sospensjoni tal-aċċess għal kontijiet skont l-Artikolu 67 ma tkunx solvuta f'perjodu raġonevoli minkejja notifiki ripetuti, l-awtorità kompetenti tista' tagħti struzzjonijiet lill-amministratur tar-reġistru biex jagħlaq dawk il-kontijiet ta' depożitu tal-persuni fejn l-aċċess huwa sospiż.

2. Id-detentur ta' kont jista' joġġezzjona għall-għeluq tal-kont tiegħu skont il-paragrafu 1 mal-awtorità kompetenti fi żmien 30 jum kalendarju, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur tar-reġistru biex jimplimenta l-aċċess mill-ġdid jew tikkonferma s-sospensjoni f'deċiżjoni motivata.

3. Jekk ikun hemm bilanċ pożittiv ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto fil-kont li l-amministratur tar-reġistru se jagħlaq wara s-sospensjoni skont l-Artikoli 67(1), l-amministratur tar-reġistru għandu l-ewwel jitlob lid-detentur tal-kont jispeċifika kont ieħor amministrat mill-istess amministratur sabiex dawn il-kwoti jew l-unitajiet ta' Kjoto jiġu trasferiti fih. Jekk id-detentur tal-kont ma jkunx wieġeb għat-talba tal-amministratur fi żmien 40 jum ta' xogħol, l-amministratur jista' jittrasferixxi l-kwoti jew l-unitajiet ta' Kjoto fil-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali tiegħu.

4. Jekk ikun hemm bilanċ pożittiv ta' kwoti jew unitajiet ta' Kjoto f'kont li ġie sospiż skont l-Artikolu 67(1b), skont il-paragrafu 1 l-awtorità kompetenti fl-istruzzjoni tagħha tista' titlob li dawn il-kwoti jew unitajiet ta' Kjoto jiġu trasferiti immedjatament fil-kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali rilevanti u l-kont ta' depożitu ta' Parti PK."

7. L-amministratur tar-reġistru għandu jevalwa t-tagħrif li wasal u jekk isibu sodisfaċenti, għandu japprova lill-persuna nnominata fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-wasla tat-tagħrif jew jinforma lill-persuna li qed titlob il-ftuħ ta' kont li hu rrifjuta l-approvazzjoni. Meta l-evalwazzjoni tat-tagħrif tal-persuna nnominata tirrikjedi aktar ħin, l-amministratur tar-reġistru jista' jestendi għal darba l-proċess tal-evalwazzjoni sa 20 jum xogħol addizzjonali, u jinnotifika l-estensjoni lid-detentur tal-kont.

8. Jekk l-amministratur tar-reġistru jirrifjuta li japprova rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali, il-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont tista' toġġezzjona din iċ-ċaħda mal-awtorità kompetenti, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur tar-reġistru biex jagħti l-approvazzjoni jew tikkonferma ċ-ċaħda f'deċiżjoni motivata. Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-approvazzjoni jistgħu jkunu li l-persuna nnominata bħala rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali tkun taħt investigazzjoni għax tkun involuta fi frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji oħra li għalihom il-kont jista' jkun strument, jew kwalunkwe raġuni oħra stipulata fil-liġi nazzjonali.

9. Rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali ma jistax jittrasferixxi l-istatus tiegħu bħala tali lil persuna oħra.

10. L-amministratur tar-reġistru jista' jneħħi rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali jekk jikkunsidra li l-approvazzjoni tar-rappreżentant awtorizzat jew tar-rappreżentant awtorizzat addizzjonali kellha tiġi rrifjutata skont il-paragrafu 7, u partikolarment jekk jiskopri li d-dokumenti u t-tagħrif tal-identifikazzjoni provvduti man-nominazzjoni kienu frodulenti jew żbaljati. Id-detentur tal-kont jista' joġġezzjona għal din it-tneħħija mal-awtorità kompetenti li għandha jew tagħti struzzjonijiet lill-amministratur tar-reġistru biex japprova mill-ġdid ir-rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali jew tikkonferma t-tneħħija f'deċiżjoni motivata. Ir-raġunijiet għat-tneħħija ta' rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali jistgħu jkunu li hu jew hi jkun instab ħati għax kien involut fi frodi li tinvolvi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, ħasil tal-flus, finanzjament tat-terroriżmu jew reati serji oħra li għalihom il-kont jista' jkun strument, jew kwalunkwe raġuni oħra stipulata fil-liġi nazzjonali."

(8) Fl-Artikolu 23, għandhom jiżdiedu l-paragrafi 5 sa 10 li ġejjin:

"5. Ir-rappreżentanti awtorizzati għandhom ikunu persuni naturali 'l fuq minn 18-il sena. Ir-rappreżentanti awtorizzati u r-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali kollha ta' kont wieħed iridu jkunu persuni differenti iżda l-istess persuna jista' jkun rappreżentant awtorizzat jew rappreżentant awtorizzat addizzjonali ta' aktar minn kont wieħed. L-amministratur tar-reġistru jista' jitlob li tal-inqas wieħed mir-rappreżentanti awtorizzati ta' kontijiet ta' depożitu tal-operatur jew kontijiet ta' depożitu ta' persuna għandu jkun resident permanenti fl-Istat Membru tar-reġistru.

(9) Fl-Artikolu 34a jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Jekk amministratur tar-reġistru mingħajr intenzjoni jew bi żball jagħti bidu għal allokazzjoni skont l-Artikolu 46 li rriżultat fl-allokazzjoni ta' kwoti lil installazzjoni li ma kinetx għadha qed topera fiż-żmien tat-tranżazzjoni tal-allokazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tinnotifika t-talba tagħha lill-Amministratur Ċentrali biex iwettaq intervent manwali sabiex jinverti t-tranżazzjoni fi ħdan il-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafu 2."

(10) It-Taqsima 1 tal-Kapitolu V għandha titħassar.

(11) L-Artikolu 49(1)(b) għandu jitħassar.

(12) L-Artikolu 53 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-amministratur tar-reġistru għandu jaċċetta biss talbiet għaċ-ċediment ta' CERs u ERUs sal-perċentwal tal-allokazzjoni għal kull installazzjoni speċifikat milleġiżlazzjoni ta' Stat Membru. Is-CITL għandu jwarrab kwalunkwe talba għal ċediment ta' CERs u ERUs li taqbeż l-ammont massimu ta' CERs u ERUs permess li jkun ċedut fl-Istat Membru, għax taf tirriżulta f'ċediment ta' CERs u ERUs li huma pprojbiti milli jiġu ċeduti skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE."

(b) Jiġu miżjuda l-paragrafi li ġejjin:

"CER jew ERU li kienet diġà ċeduta ma tistax terġa tiġi ċeduta darba oħra u lanqas trasferita f'kont ta' depożitu ta' operatur jew persuna fl-EU ETS.

Is-CERs u l-ERUs ċeduti għandhom jiġu trasferiti biss f'kont ta' rtirar."

(13) L-Artikolu 54 għandu jitħassar.

(14) L-Artikolu 58 għandu jitħassar.

(15) It-Taqsima 7 tal-Kapitolu V għandha titħassar.

(16) L-Artikolu 62(2) għandu jitħassar.

(17) Fl-Artikolu 67, għandhom jiddaħħlu l-paragrafi 1a, 1b u 1c li ġejjin:

"1a. Amministratur jista' jissospendi l-aċċess ta' rappreżentanti awtorizzati jew ta' rappreżentanti awtorizzati addizzjonali għal kont speċifiku jekk tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-detentur ta' kont miet u ma jkunx hemm suċċessur legali jew ma jkunx għadu jeżisti bħala persuna legali;

(b) id-detentur ta' kont ma jkunx ħallas it-tariffi tiegħu; jew

(c) id-detentur ta' kont jkun kiser it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli mal-kont; jew

(d) id-detentur ta' kont ma jkunx qabel mat-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli mal-kont;

(e) id-detentur ta' kont ma jkunx forna evidenza li tikkonċerna l-bidliet fit-tagħrif tal-kont;

(f) id-detentur ta' kont ikun naqas li jżomm l-għadd minimu rikjest ta' rappreżentanti awtorizzati għall-kont;

(g) id-detentur ta' kont ikun naqas li jżomm konformità mar-rekwiżit ta' Stat Membru li jkun hemm rappreżentant awtorizzat b'residenza permanenti fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont;

(h) id-detentur ta' kont ikun naqas li jżomm konformità mar-rekwiżit ta' Stat Membru li d-detentur ta' kont għandu residenza jew reġistrazzjoni permanenti fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont.

1b. L-amministratur tar-reġistru jista' jissospendi l-aċċess għal kont ta' depożitu ta' persuna jekk iqis li l-ftuħ tiegħu kellu jiġi rrifjutat abbażi tal-Artikolu 19(2). Id-detentur ta' kont jista' joġġezzjona għas-sospensjoni mal-awtorità kompetenti jew l-awtorità rilevanti skont illiġi nazzjonali fi żmien 30 jum kalendarju, li għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur tar-reġistru biex jistabbilixxi l-aċċess mill-ġdid jew tikkonferma s-sospensjoni f'deċiżjoni motivata.

1c. L-awtorità kompetenti, jew fil-każ ta' kontijiet fir-reġistru tal-Unjoni, l-amministratur Ċentrali, tista' wkoll tagħti struzzjonijiet lill-amministratur biex jimplimenta sospensjoni skont il-paragrafu 1a."

(18) L-Anness IV qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS IV

Tagħrif li jikkonċerna kontijiet ta' depożitu ta' persuni li għandu jiġi pprovdut lill-amministratur tar-reġistru

1. It-tagħrif stipulat fit-Tabella IV-I. (L-ID tal-kont u l-identifikatur alfanumeriku għandu jkun uniku fir-reġistru kollu.)

Tabella IV-I

1	ID tal-kont (mogħti mir-reġistru)
2	Tip ta' Kont
3	Perjodu ta' impenn
4	ID ta' detentur tal-kont (maħruġ mir-reġistru)
5	Isem id-detentur tal-kont
6	Identifikatur tal-kont (mogħti mid-detentur tal-kont)
7	Indirizz tad-detentur tal-kont - pajjiż
8	Indirizz tad-detentur tal-kont - reġjun jew stat
9	Indirizz tad-detentur tal-kont - belt
10	Indirizz tad-detentur tal-kont – kodiċi postali
11	Indirizz tad-detentur tal-kont - triq
12	Indirizz tad-detentur tal-kont - Numru tat-triq
13	Indirizz tad-detentur tal-kont Numru tar-reġistrazzjoni jew Numru tal-ID tal-Kumpanija
14	Indirizz tad-detentur - Telefon 1
15	Indirizz tad-detentur - Telefon 2
16	Indirizz tad-detentur - Indirizz tal-posta elettronika
17	Data ta' Twelid (għal persuni naturali)
18	Post ta' Twelid (għal persuni naturali)
19	Numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT bil-kodiċi tal-pajjiż

2. Evidenza li l-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont għandu kont tal-bank miftuħ fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

3. Evidenza li ssostni l-identità tal-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) passaport jew karta tal-identità minn stat li huwa membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp;

(b) kwalunkwe passaport ieħor, iċċertifikat validu minn ambaxxata tal-UE.

4. Evidenza li ssostni l-indirizz tar-residenza permanenti tad-detentur ta' kont tal-persuna naturali, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) id-dokument tal-identità ppreżentat skont il-punt 3., jekk ikun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

(b) kwalukwe dokument tal-identità ieħor maħruġ mill-gvern li jkun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

(c) jekk il-pajjiż tar-residenza permanenti ma joħroġx dokumenti ta' identità li jkun fihom l-indirizz tar-residenza permanenti, dikjarazzjoni mill-awtoritajiet lokali li tikkonferma r-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

(d) kwalunkwe dokument ieħor li normalment jiġi aċċettat fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont bħala evidenza tar-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

5. Evidenza li ssostni l-indirizz irreġistrat tad-detentur tal-kont tal-persuna legali, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-istrument li jistabbilixxi l-entità legali;

(b) evidenza tar-reġistrazzjoni tal-entità legali.

6. Kwalunkwe dokument ippreżentat bħala evidenza skont il-punti 4. jew 5. li ġie maħruġ minn gvern barra miż-Żona Ekonomika Ewropea jew mill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp għandu jiġi ċċertifikat bħala awtentiku minn nutar pubbliku.

7. L-amministratur tar-reġistru jista' jirrikjedi li d-dokumenti ppreżentati jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata f'lingwa speċifikata mill-amministratur tar-reġistru."

(19) L-Anness IVa li ġej huwa miżjud:

'ANNESS IVa

Tagħrif li jikkonċerna rappreżentanti awtorizzati u r-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali li għandu jiġi provvdut lill-amministratur tar-reġistru

Tabella IVa-I: Dettalji ta' rappreżentant awtorizzat

1	ID tal-persuna
2	Tip ta' rappreżentant awtorizzat
3	L-Isem
4	Kunjom
5	Titlu
6	Impjieg

7	Indirizz - pajjiż
8	Indirizz - reġjun jew stat
9	Indirizz - belt
10	Indirizz – kodiċi postali
11	Indirizz - triq
12	Indirizz - numru tat-triq
13	Telefon 1
14	Telefon 2
15	Indirizz tal-posta elettronika
16	Data tat-Twelid
17	Post tat-twelid
18	Lingwa preferita
19	Livell ta' kunfidenzjalità
20	Drittijiet tar-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali

1. It-tagħrif stipulat fit-Tabella IVa-I.

2. Dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-kont li tindika x-xewqa li jiġi nnominat persuna partikolari bħala r-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali

3. Evidenza li l-persuna nnominata għandha kont tal-bank miftuħ fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

4. Evidenza li ssostni l-identità tal-persuna nnominata, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) Passaport jew karta tal-identità maħruġa minn stat li huwa membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew Organizzazzjoni l-Kooperazzjoni Ekonomika jew tal-Iżvilupp;

   (b) Kwalunkwe passaport ieħor, iċċertifikat bħala validu minn ambaxxata tal-UE.

5. Evidenza li ssostni l-indirizz tar-residenza permanenti tal-persuna nominata, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) Id-dokument tal-identità ppreżentat skont il-punt 4., jekk ikun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (b) Kwalukwe dokument tal-identità ieħor maħruġ mill-gvern li jkun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (c) Jekk il-pajjiż tar-residenza permanenti ma joħroġx dokumenti ta' identità li jkun fihom l-indirizz tar-residenza permanenti, dikjarazzjoni mill-awtoritajiet lokali li tikkonferma r-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

(d) Kwalunkwe dokument ieħor li normalment jiġi aċċettat fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont bħala evidenza tar-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

6. Kwalunkwe dokument ippreżentat bħala evidenza skont il-punt 5. li ġie maħruġ minn gvern barra miż-Żona Ekonomika Ewropea jew mill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp għandu jiġi ċċertifikat bħala awtentiku minn nutar pubbliku.

7. L-amministratur tar-reġistru jista' jirrikjedi li d-dokumenti ppreżentati jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata f'lingwa speċifikata mill-amministratur tar-reġistru.'

(20) L-Anness XIa huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-Tabella XIa-3, is-sentenza "Il-kwoti allokati għas-snin qabel is-sena attwali jkollhom valur ta' żero."- għandha titħassar.

(b) Fit-Tabella XIa-4, is-sentenza "Il-kwoti allokati għas-snin qabel is-sena attwali mhux se jiġu modifikati." għandha titħassar.

(c) Fit-Tabella Xia-7, in-numru "7215" għandu jitħassar.

(21) Fl-Anness XII, id-deskrizzjoni maġenb il-kodiċi tar-rispons 7701 fit-Tabella XII-I għandha tinbidel bit-test li ġej:

"L-allokazzjoni għandha tiġi pprovduta għat-tliet snin kollha."

(22) L-Anness XVI huwa emendat kif ġej:

1. Il-Punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Amministratur Ċentrali għandu juri u jaġġorna t-tagħrif fil-paragrafi 2 sa 4c fir-rigward tas-sistema tar-reġistri dwar iż-żona pubblika tal-websajt tar-reġistru Komunitarju indipendenti tat-tranżazzjonijiet, skont l-iskeda speċifikata, u kull amministratur tar-reġistru għandu juri u jaġġorna it-tagħrif fil-paragrafi 2 sa 4b, tagħrif fir-rigward tar-reġistru tiegħu fuq iż-żona pubblika tal-websajt ta' dak ir-reġistru, skont l-iskeda speċifikata."

2. Il-Punt 2(a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) isem, indirizz, belt, kodiċi postali, pajjiż, numru tat-telefon u indirizz tal-posta elettronika tad-detentur tal-kont."

3. Il-Punt 2(c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) isem, indirizz, belt, kodiċi postali, pajjiż, numru tat-telefon, numru tal-feks u indirizz tal-posta elettronika tar-rappreżentanti awtorizzati primarji u sekondarji tal-kont speċifikat mid-detentur tal-kont għal dak il-kont, sakemm id-detentur tal-kont talab bil-miktub lill-amministratur tar-reġistru biex juri t-tagħrif kollu jew xi wħud minnu."

4. Il-Punti 4(a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) ċifra verifikata tal-emissjonijiet, flimkien mal-korrezzjonijiet tagħha għall-installazzjoni relatata mal-kont ta' depożitu ta' operatur għas-sena X għandhom jintwerew mill-1 ta' April tas-sena (X+1) 'il quddiem, jew jekk l-1 ta' April ikun tmiem il-ġimgħa jew btala, imbagħad iċ-ċifra verifikata tal-emissjonijiet għandha tintwera mill-ewwel jum ta' xogħol wara l-1 ta' April;

(b) l-unitajiet ċeduti skont l-Artikoli 52 u 53, bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tagħhom (fil-każ ta' ERUs u CERs), għas-sena X għandhom jintwerew mill-1 ta' Mejju tas-sena (X+1) 'il quddiem;"

5. Il-Punt 4c huwa miżjud:

"4c. Għandha tintwera lista u tiġi aġġornata kull 24 siegħa li turi l-IDs tal-unitajiet tal-kwoti, is-CERs u l-ERUs kollha li ġew ċeduti. Fil-każ ta' CERs u ERUs, għandhom jintwerew ukoll l-isem tal-proġett, il-pajjiż tal-oriġini u l-ID tal-proġett."

6. Il-Punt 12a jinbidel b'li ġej:

"12a. Fit-30 ta' April ta' kull sena, l-CITL għandu juri t-tagħrif ġenerali li ġej, fuq il-websajt pubblika tiegħu:

— il-perċentwali tas-sehem tal-kwoti ċeduti f'kull Stat Membru fis-sena kalendarja preċedenti li kienu ċeduti mill-kont li kienu allokati għalih;

— is-somma ta' emissjonijiet ivverifikati minn Stat Membru li ddaħħlet fis-sena kalendarja preċedenti bħala persentaġġ tal-somma tal-emissjonijiet vverifikati tas-sena ta' qabel dik;

— il-perċentwali tas-sehem li jappartieni għal kontijiet amministrati minn Stat Membru partikolari fil-għadd u l-volum tat-tranżazzjonijiet kollha ta' trasferiment ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto fis-sena kalendarja preċedenti;

— il-perċentwali tas-sehem li jappartieni għal kontijiet amministrati minn Stat Membru partikolari fil-għadd u l-volum tat-tranżazzjonijiet kollha ta' trasferiment ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto fis-sena kalendarja preċedenti bejn kontijiet amministrati minn Stati Membri differenti."

Artikolu 79

Revoka

Ir-Regolamenti (KE) Nru 2216/2004 u (KE) Nru 994/2008 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

Artikolu 80

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 2 sa 76 tal-Annessi għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

Tabella I-I: Tipi ta' kontijiet u tipi ta' unitajiet li jistgħu jinżammu f'kull tip ta' kont

Isem it-tip ta' kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-Kont	Nru ta' kontijiet ta' dan it-tip	Kwoti (Mhux unitajiet ta' Kjoto)		Unitajiet ta' Kjoto			
				Kwoti tal-Kapitolu III	Kwoti tal-Kapitolu II	AAU	CER	ERU	lCER/tCER/RMU
I. *Kontijiet ta' Parti PK fir-reġistri tal-PK (inkluż ir-Reġistru tal-Unjoni)*									
Kont ta' depożitu ta' parti	Parti PK	Amministratur tar-Reġistru tal-PK (fir-reġistru tal-Unjoni: l-Amministraturi Ċentrali)	mill-inqas 1.	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
Kont ta' kanċellazzjoni			1	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
Kont tal-irtirar			1	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
Kont ta' depożitu ta' ETS u AAU			1	Le	Le	Iva	Le	Le	Le
II. *Ġestjoni ta' kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni*									
Kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali	Stat Membru	Amministratur Nazzjonali tal-SM li għandu ż-żamma tal-kont	1 għal kull SM	Iva	Iva	Le	Le	Le	Le
Kont ta' approvazzjoni ċentrali tal-ETS	UE	Amministratur Ċentrali	1	Le	Le	Iva	Le	Le	Le
Kont ta' depożitu gateway			1 għal kull SM mingħajr Reġistru tal-PK	Le	Le	Iva	Le	Le	Le
Kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti			1	Iva	Iva	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Twarrib u Ċediment tal-Avjazzjoni			1	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Le
III. *Kontijiet tal-utent fir-Reġistru tal-Unjoni*									
Kont ta' depożitu ta' operatur	Operatur	Amministratur Nazzjonali tal-SM fejn tinsab l-installazzjoni	wieħed għal kull detentur ta' kont ta' depożitu ta' installazzjoni/operatur tal-inġenji tal-ajru/pjattaforma tal-kummerċ fi SM	Iva	Le	minn SM (*)	Iva	Iva	minn SM (*)
Kont ta' depożitu ta' Operatur tal-inġenji tal-ajru	Operatur tal-inġenji tal-ajru	Amministratur Nazzjonali tal-SM li jamministra l-operatur tal-inġenji tal-ajru		Iva	Iva	minn SM (*)	Iva	Iva	minn SM (*)
Kont ta' depożitu ta' persuna	Persuna	Amministratur Nazzjonali li fetaħ il-kont		Iva	Iva	minn SM (*)	Iva	Iva	minn SM (*)
Kont ta' depożitu ta' Pjattaforma tal-Kummerċ	Pjattaforma tal-Kummerċ			Iva	Iva	minn SM (*)	Iva	Iva	minn SM (*)
Kont tal-Verifikatur	Verifikatur		Wieħed għal kull verifikatur	Le	Le	Le	Le	Le	Le

(*) l-Amministratur Nazzjonali tal-SM jista' jiddeċiedi jekk il-kont (jew it-tip ta' kont) jistax iżomm dan it-tip ta' unità.

ANNESS II

Tipi ta' tranżazzjonijiet li jistgħu jinbdew u jiġu riċevuti minn kull tip ta' kont (bit-tip ta' unitajiet li jistgħu jiġu involuti)

Isem it-tip ta' kont	Isem ta' tranżazzjoni u t-tip ta' azzjoni (I = Ibda, R – Irċievi)											
	Unitajiet ta' trasferiment						Ċediment ta' unitajiet		Tneħħija ta' kwoti		Kanċellazzjoni ta' unitajiet ta' Kjoto	
	minn kont fir-Reġistru tal-Unjoni		għal kont fir-Reġistru tal-Unjoni (minn kont mhux fir-Reġistru tal-Unjoni)		bejn żewġ kontijiet mhux fir-Reġistru tal-Unjoni (fiż-ŻEE)							
	I	R	I	R	I	R	I	R	I	R	I	R
I. *Kontijiet ta' Parti PK fir-Reġistru tal-Unjoni u fir-reġistri l-oħra kollha tal-PK*												
Kont ta' depożitu ta' Parti PK	n.a.	Iva	Iva	n.a.	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Le
Kont ta' kanċellazzjoni	n.a.	Iva	Le	n.a.	Le	Iva	Le	Le	Le	Le	Le	Iva
Kont tal-irtirar	n.a.	Iva	Le	n.a.	Le	Iva	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' depożitu ta' ETS u AAU	n.a.	n.a.	Iva	n.a.	Iva	Iva	Le	Le	Le	Le	Le	Le
II. *Ġestjoni ta' kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni*												
Kont ta' approvazzjoni ċentrali tal-ETS	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' depożitu gateway (għal SM mingħajr reġistru tal-PK)	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Le	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' depożitu tal-kwota nazzjonali (għal SM li għandhom reġistru tal-PK biss)	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Le	Le	Iva	Le	Le	Le
Kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti	Le	Le	n.a.	Le	n.a.	n.a.	Le	Iva	Le	Iva	Le	Le
Kont ta' Twarrib u Ċediment tal-Avjazzjoni	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Le	Iva	Le	Le	Iva	Le
III. *Kontijiet tal-utent fir-Reġistru tal-Unjoni*												
Kont ta' depożitu ta' operatur	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Le
Kont ta' depożitu ta' Operatur tal-inġenji tal-ajru	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Le
Kont ta' depożitu ta' persuna	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Le	Le	Iva	Le	Iva	Le
Kont ta' depożitu ta' Pjattaforma tal-Kummerċ	Iva	Iva	n.a.	Iva	n.a.	n.a.	Le	Le	Iva	Le	Iva	Le
Kont tal-Verifikatur	Le	Le	n.a.	Le	n.a.	n.a.	Le	Le	Le	Le	Le	Le

ANNESS III

Tagħrif li għandu jiġi ppreżentat ma' talbiet għall-ftuħ ta' kontijiet tal-Parti PK u kontijiet ta' ġestjoni

1. It-tagħrif stipulat fit-Tabella III-I.

Tabella III-I: Dettalji ta' Kontijiet għal kontijiet kollha

	A	B	C	D	E	F
Element Nru	Dettalji tal-kont	Obbligatorju jew Fakultattiv?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-approvazzjoni mill-Amministratur Nazzjonali hija meħtieġa għall-aġġornament?	Muri fuq il-websajt pubblika tar-Reġistru tal-Unjoni
1	ID tal-kont (mogħti mir-Reġistru tal-Unjoni)	O	Stabbilit minn qabel	Le	n.a.	Le
2	Tip ta' Kont	O	Għażla	Le	n.a.	Iva
3	Perjodu ta' impenn	O	Għażla	Le	n.a.	Iva
4	ID ta' Detentur ta' Kont (maħruġ mir-Reġistru tal-Unjoni)	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
5	Isem id-detentur tal-kont	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
6	Identifikatur tal-kont (mogħti mid-detentur tal-kont)	O	Bla ħlas	Iva	Le	Le
7	Indirizz tad-Detentur tal-Kont- pajjiż	O	Għażla	Iva	Iva	Iva
8	Indirizz tad-Detentur tal-Kont – reġjun jew stat	F	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
9	Indirizz tad-Detentur tal-Kont- belt	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
10	Indirizz tad-Detentur tal-Kont- kodiċi postali	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
11	Indirizz tad-Detentur tal-Kont- triq	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
12	Indirizz tad-Detentur tal-Kont- Nru tat-triq	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
13	Indirizz tad-detentur tal-kont Numru tar-reġistrazzjoni jew Numru tal-ID tal-Kumpanija	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
14	Telefon tad-Detentur tal-Kont 1	O	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
15	Telefon tad-Detentur tal-Kont 2	O	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
16	Indirizz tal-posta elettronika tad-Detentur tal-Kont	O	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
17	Data ta' Twelid (għal persuni naturali)	F	Bla ħlas	Le	n.a.	Le
18	Post ta' Twelid (għal persuni naturali)	F	Bla ħlas	Le	n.a.	Le
19	Numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT bil-kodiċi tal-pajjiż	F	Bla ħlas	Iva	Iva	Le
20	Data tal-ftuħ tal-kont	O	Stabbilit minn qabel	Le	n.a.	Iva
21	Data tal-għeluq tal-kont	F	Stabbilit minn qabel	Iva	Iva	Iva

2. L-identifikatur tal-kont għandu jkun uniku fis-sistema tar-reġistri kollha.

ANNESS IV

Tagħrif li jikkonċerna kontijiet ta' depożitu ta' persuni, kontijiet ta' depożitu ta' pjattaforma tal-kummerċ u kontijiet ta' verifikatur li għandhom jiġu pprovduti lill-amministratur nazzjonali

1. It-tagħrif stipulat fit-Tabella III-I. (L-ID tal-kont u l-identifikatur alfanumeriku għandu jkun uniku fis-sistema tar-reġistri kollha.)

2. Evidenza li l-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont għandu kont tal-bank miftuħ fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

3. Evidenza li ssostni l-identità tal-persuna naturali li qed titlob il-ftuħ tal-kont, li tista' tkun kopja ċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) passaport jew karta tal-identità minn stat li huwa membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp;

   (b) kwalunkwe passaport ieħor, iċċertifikat validu minn ambaxxata tal-UE.

4. Evidenza li ssostni l-identità tal-persuna legali li qed titlob il-ftuħ tal-kont, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) l-istrument li jistabbilixxi l-entità legali;

   (b) dokument bħala evidenza tar-reġistrazzjoni tal-entità legali.

5. Evidenza li ssostni l-indirizz tar-residenza permanenti tad-detentur ta' kont tal-persuna naturali, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) Id-dokument tal-identità ppreżentat skont il-punt 3., jekk ikun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (b) Kwalukwe dokument tal-identità ieħor maħruġ mill-gvern li jkun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (c) Jekk il-pajjiż tar-residenza permanenti ma joħroġx dokumenti ta' identità li jkun fihom l-indirizz tar-residenza permanenti, dikjarazzjoni mill-awtoritajiet lokali li tikkonferma r-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

   (d) Kwalunkwe dokument ieħor li normalment jiġi aċċettat fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont bħala evidenza tar-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

6. Evidenza li ssostni l-indirizz reġistrat tad-detentur tal-kont tal-persuna legali, jekk dan ma jkunx ċar fid-dokument preżentat skont il-punt 4.

7. Kwalunkwe dokument ippreżentat bħala evidenza skont il-punti 3, 4 jew 5 li ġie maħruġ minn gvern barra miż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp għandu jiġi ċċertifikat bħala awtentiku minn nutar pubbliku.

8. L-amministratur tal-kont jista' jirrikjedi li d-dokumenti ppreżentati jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata f'lingwa speċifikata mill-amministratur.

9. Minflok jinkisbu dokumenti fuq il-karta, l-amministratur tal-kont jista' juża l-mekkaniżmi elettroniċi biex jivverifika l-evidenza li għandha tiġi ppreżentata skont il-punti 3, 4 u 5.

ANNESS V

Tagħrif addizzjonali li jikkonċerna kontijiet ta' depożitu ta'pjattaforma tal-kummerċ li għandu jiġi pprovdut lill-amministratur nazzjonali

1. Dikjarazzjoni ffirmata mill-awtoritajiet finanzjarji kompetenti tal-Istat Membru tal-amministratur li jiftaħ il-kont li tikkonferma li l-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont hija awtorizzata minn dak l-Istat Membru bħala waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) suq irregolat skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1, (14) tad-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, kif emendata;

   (b) faċilità multilaterali tan-negozjar skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1, (15) tad-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, kif emendata;

   (c) kwalunkwe skambju ieħor li jkun operat minn sistema multilaterali u/jew amministrata minn operatur tas-suq, li tgħaqqad flimkien jew tiffaċilita l-għaqda ta' interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn partijiet terzi fi kwoti jew unitajiet ta' Kjoto, inkluża kull sistema ta' approvazzjoni jew sistema ta' pagament responsabbli għall-ħlas u t-tqassim ta' kwoti u għall-ġestjoni tal-kapital ta' garanzija għas-suq irregolat rilevanti jew faċilità multilaterali tan-negozjar, jew kwalunkwe skambju ieħor.

Tagħrif addizzjonali li jikkonċerna kontijiet ta' verifikatur li għandu jiġi pprovdut lill-amministratur nazzjonali

2. Dokument li jagħti evidenza li l-persuna li qed titlob il-ftuħ tal-kont hija akkreditata bħala verifikatur fl-Istat Membru tal-amministratur li fih tkun ressqet it-talba għall-ftuħ ta' kont.

ANNESS VI

Termini u kundizzjonijiet ċentrali

Struttura u effett ta' termini u kundizzjonijiet ċentrali

1. Ir-relazzjoni bejn id-detenturi ta' kont u l-amministraturi tar-reġistri.

Obbligi tad-detentur tal-kont u tar-rappreżentant awtorizzat

2. L-obbligi ta' detentur ta' kont u ta' rappreżentant awtorizzat fir-rigward tas-sigurtà, usernames u passwords, u l-aċċess għall-websajt tar-reġistru.

3. L-obbligu ta' detentur ta' kont u ta' rappreżentant awtorizzat li jdaħħlu d-dejta fil-websajt tar-reġistru u li jiżguraw li d-dejta mdaħħla tkun preċiża.

4. L-obbligu ta' detentur ta' kont u ta' rappreżentant awtorizzat li jkunu konformi mat-termini tal-użu tal-websajt tar-reġistru.

Obbligi tal-amministratur tar-reġistru

5. L-obbligu tal-amministratur tar-reġistru li jwettaq l-istruzzjonijiet ta' detentur ta' kont.

6. L-obbligu tal-amministratur tar-reġistru li jirreġistra d-dettalji tad-detentur ta' kont.

7. L-obbligu tal-amministratur tar-reġistru li jiftaħ, jagġorna jew jagħlaq il-kont skont id-dispożizzjonijiet tar -Regolament.

Proċeduri tal-proċess

8. Id-dispożizzjonijiet għall-finalizzazzjoni u l-konferma ta' proċess.

Pagament

9. It-termini u l-kundizzjonijiet rigward it-tariffi tar-reġistru għall-istabbiliment u ż-żamma tal-kontijiet.

Tħaddim tal-websajt tar-reġistru

10. Dispożizzjonijiet rigward id-dritt tal-amministratur tar-reġistru li jwettaq tibdiliet fil-websajt tar-reġistru.

11. Kundizzjonijiet għall-użu tal-websajt tar-reġistru.

Garanziji u indennizzi

12. Preċiżjoni tat-tagħrif.

13. Awtorità għall-bidu tal-proċessi.

Modifika f'dawn it-termini ċentrali biex jirriflettu l-bidliet f'dan ir-Regolament jew il-bidliet fil-leġiżlazzjoni domestika

Sigurtà u r-reazzjoni għall-ksur tas-sigurtà

14. Indikazzjoni li l-messaġġi suspettużi kollha relatati ma' tranżazzjonijiet jistgħu jiġu mgħoddija lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi nazzjonali minn amministraturi nazzjonali.

Soluzzjoni tat-tilwim

15. Dispożizzjonijiet li jirrelataw ma' tilwim bejn id-detenturi tal-kontijiet.

Responsabbiltà

16. Il-limitu tar-responsabbiltà għall-amministratur tar-reġistru.

17. Il-limitu tar-responsabbiltà għad-detentur tal-kont.

Drittijiet ta' partijiet terzi

L-aġenzija, l-avviżi u l-liġi regolatorja

ANNESS VII

Tagħrif li jikkonċerna kull kont ta' depożitu ta' operatur li għandu jiġi pprovdut lill-amministratur nazzjonali

1. It-tagħrif stipulat fit-Tabella III-I.

2. Skont id-dejta pprovvduta skont it-Tabella III-I, l-operatur tal-installazzjoni għandu jingħata bħad-detentur tal-kont. L-isem provvdut tad-detentru tal-kont għandu jkun identiku għall-isem tal-persuna naturali jew legali li hija d-detentur tal-permess rilevanti għall-gassijiet serra.

3. It-tagħrif stipulat fit-Tabelli VII-I u VII-II.

Tabella VII-I: Dettalji tal-Kont għall-kontijiet ta' depożiti ta' operatur

	A	B	C	D	E	F
Element Nru	Dettalji tal-kont	Obbligatorju jew Fakultattiv?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-approvazzjoni mill-Amministratur Nazzjonali hija meħtieġa għall-aġġornament?	Muri fuq il-websajt pubblika tar-Reġistru tal-Unjoni
1	ID tal-installazzjoni	O	Stabbilit minn qabel	Le	—	Iva
2	ID tal-permess	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
3	Data tad-dħul fis-seħħ tal-permess	O	Bla ħlas	Le	—	Iva
4	Data ta' skadenza tal-permess	F	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
5	Isem tal-installazzjoni	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
6	Tip ta' Attività tal-Installazzjoni	O	Għażla	Iva	Iva	Iva
7	Indirizz tal-installazzjoni - pajjiż	O	Stabbilit minn qabel	Iva	Iva	Iva
8	Indirizz tal-installazzjoni - reġjun jew stat	F	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
9	Indirizz tal-installazzjoni - belt	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
10	Indirizz tal-installazzjoni - kodiċi postali	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
11	Indirizz tal-installazzjoni – triq	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
12	Indirizz tal-Installazzjoni - Nru tat-triq	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
13	Telefon tal-Installazzjoni 1	O	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
14	Telefon tal-Installazzjoni 2	O	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
15	Indirizz tal-posta elettronika tal-Installazzjoni	O	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
16	Kumpanija possedenti	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
17	Kumpanija sussidjarja	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
18	EPRTR – Numru ta' Identifikazzjoni	O	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
19	Latitudni	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva
20	Longitudni	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva

Tabella VII-II: Dettalji tal-verifikatur tal-kont u tal-persuna ta' kuntatt

	A	B	C	D	E	F
Element Nru	Dettalji tal-kont	Obbligatorju jew Fakultattiv?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-approvazzjoni mill-Amministratur Nazzjonali hija meħtieġa għall-aġġornament?	Muri fuq il-websajt pubblika tar-Reġistru tal-Unjoni
1	Verifikatur	F	Għażla	Iva	Le	Iva
	Isem il-kumpanija	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
	Dipartiment tal-kumpanija	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
2	Il-Persuna ta' Kuntatt fl-SM - L-Isem	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
3	Il-Persuna ta' Kuntatt fl-SM - Il-Kunjom	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
4	L-Indirizz tal-Persuna ta' Kuntatt - pajjiż	F	Stabbilit minn qabel	Iva	Le	Iva (*)
5	Indirizz tal-Persuna ta' Kuntatt – reġjun jew stat	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
6	L-Indirizz tal-Persuna ta' Kuntatt - belt	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
7	L-Indirizz tal-Persuna ta' Kuntatt – kodiċi postali	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
8	L-Indirizz tal-Persuna ta' Kuntatt – triq	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
9	L-Indirizz tal-Persuna ta' Kuntatt – Nru tat-triq	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
10	It-Telefown tal-Persuna ta' Kuntatt 1	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
11	It-Telefown tal-Persuna ta' Kuntatt 2	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)
12	L-Indirizz tal-posta elettronika tal-Persuna ta' Kuntatt	F	Bla ħlas	Iva	Le	Iva (*)

(*) Dawn l-oġġetti ma jintwerewx jekk id-detentur tal-kont jitlob li jinżammu kunfidenzjali skont l-Artikolu 75.

4. L-isem tal-installazzjoni għandu jkun identiku għall-isem indikat fil-permess tal-gassijiet serra rilevanti.

ANNESS VIII

Tagħrif li jikkonċerna kull kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru li jrid jingħata lill-amministratur tar-reġistru

1. It-tagħrif stipulat fit-Tabella III-I u VII-II.

2. Skont id-dejta pprovvduta skont it-Tabella III-I, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jingħata bħala d-detentur tal-kont. L-isem irreġistrat għad-detentur tal-kont għandu jkun identiku għall-isem fil-Pjan ta' Monitoraġġ. Jekk l-isem fil-Pjan ta' Monitoraġġ m'għadux fl-użu, għandu jintuża l-isem fir-reġistru tal-kummerċ jew l-isem użat mill-Eurocontrol.

3. It-tagħrif stipulat fit-Tabella VIII-I.

Tabella VIII-I: Dettalji tal-Kont għall-kontijiet ta' depożiti ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru

	A	B	C	D	E	F
Element Nru	Dettalji tal-kont	Obbligatorju jew Fakultattiv?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-approvazzjoni mill-Amministratur Nazzjonali hija meħtieġa għall-aġġornament?	Muri fuq il-websajt pubblika tar-Reġistru tal-Unjoni
1	L-ID tal-operatur tal-inġenji tal-ajru (assenjat mir-Reġistru tal-Unjoni)	O	Bla ħlas	Le	—	Iva
2	Il-kodiċi unika skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2009	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
3	Is-sinjal tas-sejħa (id-desinjatur ICAO)	F	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
4	L-ID tal-pjan ta' monitoraġġ	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva
5	Il-pjan ta' monitoraġġ – l-ewwel sena ta' applikabbiltà	O	Bla ħlas	Le	—	Iva
6	Il-pjan ta' monitoraġġ – is-sena ta' skadenza	F	Bla ħlas	Iva	Iva	Iva

4. Is-sinjal tas-sejħa huwa d-desinjatur ICAO fil-kaxxa 7 tal-pjan tat-titjira jew, jekk mhux disponibbli, il-marka ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru.

ANNESS IX

Tagħrif li jikkonċerna r-rappreżentanti awtorizzati u r-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali li għandu jiġi provvdut lill-amministratur tal-kont

Tabella IX-I: Dettalji ta' rappreżentant awtorizzat

	A	B	C	D	E	F
Element Nru	Dettalji tal-kont	Obbligatorju jew Fakultattiv?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-approvazzjoni mill-Amministratur Nazzjonali hija meħtieġa għall-aġġornament?	Muri fuq il-websajt pubblika tar-Reġistru tal-Unjoni
1	ID tal-persuna	O	Bla ħlas	Le	n.a.	Le
2	Tip ta' rappreżentant awtorizzat	O	Għażla	Iva	Le	Iva
3	L-Isem	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Le (*)
4	Kunjom	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Le (*)
5	Titlu	F	Bla ħlas	Iva	Le	Le (*)
6	Impjieg	F	Bla ħlas	Iva	Le	Le (*)
	Isem il-kumpanija	F	Bla ħlas	Iva	Le	Le (*)
	Dipartiment tal-kumpanija	F	Bla ħlas	Iva	Le	Le (*)
7	Indirizz - pajjiż	O	Stabbilit minn qabel	Le	n.a.	Le (*)
8	Indirizz - reġjun jew stat	F	Bla ħlas	Iva	Iva	Le (*)
9	Indirizz - belt	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Le (*)
10	Indirizz – kodiċi postali	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Le (*)
11	Indirizz - triq	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Le (*)
12	Indirizz - numru tat-triq	O	Bla ħlas	Iva	Iva	Le (*)
13	Telefon 1	O	Bla ħlas	Iva	Le	Le (*)
14	Telefon 2	O	Bla ħlas	Iva	Le	Le (*)
15	Indirizz tal-posta elettronika	O	Bla ħlas	Iva	Le	Le
16	Data tat-Twelid	O	Bla ħlas	Le	n.a.	Le
17	Post tat-twelid	O	Bla ħlas	Le	n.a.	Le
18	Lingwa preferita	F	Għażla	Iva	Le	Le
19	Livell ta' kunfidenzjalità	F	Għażla	Iva	Le	Le
20	Drittijiet tar-rappreżentanti awtorizzati addizzjonali	O	Għażla multipla	Iva	Le	Le

(*) Dawn l-oġġetti jintwerew biss jekk id-detentur tal-kont jitlob li jiġu ppubblikati skont l-Artikolu 75.

1. It-tagħrif stipulat fit-Tabella IX-I.

2. Dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-kont li tindika x-xewqa li tiġi nnominata persuna partikolari bħala r-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali, li tikkonferma li r-rappreżentant awtorizzat jew ir-rappreżentant awtorizzat addizzjonali għandu d-dritt li jagħti bidu għal tranżazzjonijiet f'isem id-detentur tal-kont u tindika kull limitazzjoni għal dak id-dritt.

3. Evidenza li ssostni l-identità tal-persuna nnominata, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) Passaport jew karta tal-identità maħruġ minn stat li huwa membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp;

   (b) Kwalunkwe passaport ieħor, iċċertifikat bħala validu minn ambaxxata tal-UE.

4. Evidenza li ssostni l-indirizz tar-residenza permanenti tal-persuna nominata, li tista' tkun kopja ċċertifikata ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) Id-dokument tal-identità ppreżentat skont il-punt 3., jekk ikun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (b) Kwalukwe dokument tal-identità ieħor maħruġ mill-gvern li jkun fih l-indirizz tar-residenza permanenti;

   (c) Jekk il-pajjiż tar-residenza permanenti ma joħroġx dokumenti ta' identità li jkun fihom l-indirizz tar-residenza permanenti, dikjarazzjoni mill-awtoritajiet lokali li tikkonferma r-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

   (d) Kwalunkwe dokument ieħor li normalment jiġi aċċettat fl-Istat Membru tal-amministratur tal-kont bħala evidenza tar-residenza permanenti tal-persuna nnominata;

5. Kwalunkwe dokument ippreżentat bħala evidenza skont il-punt 4. li ġie maħruġ minn gvern barra miż-Żona Ekonomika Ewropea jew mill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp għandu jiġi ċċertifikat bħala awtentiku minn nutar pubbliku.

6. L-amministratur tal-kont jista' jirrikjedi li d-dokumenti ppreżentati jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata f'lingwa speċifikata mill-amministratur tar-reġistru.

7. Minflok jinkisbu dokumenti fuq il-karta, l-amministratur tal-kont jista' juża l-mekkaniżmi elettroniċi biex jivverifika l-evidenza li għandha tiġi ppreżentata skont il-punti 3 u 4.

ANNESS X

Formati biex tiġi ppreżentata d-dejta tal-emissjonijiet annwali

1. Id-dejta tal-emissjonijiet għall-operaturi għandu jkun fiha t-tagħrif stipulat fit-Tabella X-I.

Tabella X-I: Dejta tal-emissjonijiet għal operaturi

	A	B	C
1	ID tal-installazzjoni:		
2	Is-sena ta' rappurtar		
	Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra		
		f'tunnellati	*f'tunnellati ta' CO_2eq*
3	Emissjonijiet ta' CO_2		
4	Emissjonijiet ta' N_2O		
5	Emissjonijiet ta' PFC		
6	Total tal-emissjonijiet	—	Σ (C2 + C3 + C4)

2. Id-dejta tal-emissjonijiet għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandu jkun fiha d-dejta stipulata fil-paragrafi 8 u 9 tat-Taqsima 8 fl-Anness XIV għad-Deċiżjoni 2007/589/KE.

3. Il-format elettroniku għall-preżentazzjoni tad-dejta tal-emissjonijiet għandu jiġi deskritt fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi u tal-Iskambju tad-Dejta provvduti fl-Artikolu 71.

ANNESS XI

Tabella tal-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni għall-perjodu 2008-2012

Nru tar-ringiela	Isem	Nru ta' kwoti tal-Kapitolu III	Dħul ("r" tfisser "ringiela")
	Kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru		Dħul manwali
1	L-għadd totali ta' kwoti li se joħorġu għal installazzjonijiet		Σ (r5 sa r9, r12 sa r16)
2	L-għadd totali ta' kwoti fir-riżerva		Dħul manwali
3	L-ID tal-kont tal-installazzjoni A		Dħul manwali
4	Kwantità li għandha tiġi allokata lill-Installazzjoni B		
5	fis-sena 2008		Dħul manwali
6	fis-sena 2009		Dħul manwali
7	fis-sena 2010		Dħul manwali
8	fis-sena 2011		Dħul manwali
9	fis-sena 2012		Dħul manwali
10	L-ID tal-kont tal-installazzjoni B		Dħul manwali
11	Kwantità li għandha tiġi allokata lill-Installazzjoni B		
12	fis-sena 2008		Dħul manwali
13	fis-sena 2009		Dħul manwali
14	fis-sena 2010		Dħul manwali
15	fis-sena 2011		Dħul manwali
16	fis-sena 2012		Dħul manwali

ANNESS XII

Tabella tal-Unjoni dwar l-Allokazzjonijiet tal-Avjazzjoni għall-perjodu 2008-2012

Nru tar-ringiela	Isem			Għadd ta' kwoti tal-Kapitolu II	Dħul ("r" tfisser "ringiela")
1	Il-kwantità ta' kwoti tal-Kapitolu II fl-2012 fl-Unjoni kollha.				Dħul manwali
2		Il-kwantità li għadha trid tiġi allokata fl-2012			(r1 × 0.15) = Σ (r3, r4, r5)
3			minn SM 1:		Dħul manwali
4			minn SM 2:		Dħul manwali
5			minn SM n:		Dħul manwali
6		Il-kwantità diġà allokata għall-2012			(r1 – r2) = Σ (r7, r8, r9)
7			lill-Operatur tal-Inġenji tal-Ajru 1:		Dħul manwali
8			lill-Operatur tal-Inġenji tal-Ajru 2:		Dħul manwali
9			lid-Detentur tal-Kont n:		Dħul manwali

ANNESS XIII

Rekwiżiti ta' rappurtar tal-Amministratur Ċentrali

Tagħrif disponibbli għall-pubbliku

1. L-EUTL għandu juri t-tagħrif li ġej għal kull kont fuq il-websajt pubblika tal-EUTL:

(a) It-tagħrif kollu indikat bħala "muri fuq il-websajt pubblika tar-Reġistru tal-Unjoni" fit-Tabelli III-I, VII-I, VII-II, VIII-I, IX-I. Dan it-tagħrif għandu jiġi aġġornat kull 24 siegħa;

(b) Il-kwoti allokati lid-detenturi ta' kont individwali skont l-Artikolu 40 u l-Artikolu 41. Dan it-tagħrif għandu jiġi aġġornat kull 24 siegħa;

(c) L-istatus tal-kont skont l-Artikolu 9(1). Dan it-tagħrif għandu jiġi aġġornat kull 24 siegħa;

(d) L-għadd ta' kwoti u ERUs u CERs ċeduti skont l-Artikolu 46, u l-ID tal-Unità tal-ERUs u s-CERs ċeduti. L-għadd ta' kwoti u ERUs u CERs ċeduti fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-15 ta' Mejju għandu jintwera biss wara l-15 ta' Mejju. Fil-perjodu bejn il-15 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru, dan it-tagħrif għandu jiġi aġġornat kull 24 siegħa;

(e) iċ-ċifra vverifikata tal-emissjonijiet, flimkien mal-korrezzjonijiet tagħha għall-installazzjoni relatata mal-kont ta' depożitu tal-operatur għas-sena X għandhom jintwerew mill-1 ta' April tas-sena (X+1) 'il quddiem;

(f) simbolu jew dikjarazzjoni li jindika jekk sat-30 ta' April l-installazzjoni jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru relatata mal-kont ta' depożitu tal-operatur ikunx ċeda għadd ta' unitajiet ta' Kjoto jew allokazzjonijiet li jkun tal-inqas ugwali għall-emissjonijiet tagħha kollha fis-snin kollha li għaddew. Is-simboli u d-dikjarazzjonijiet li għandhom jintwerew huma stipulati fit-Tabbella XII-I. Is-simbolu għandu jiġi aġġornat fl-1 ta' Mejju u, bl-eċċezzjoni taż-żieda ta' * fil-każijiet deskritti fir-ringiela 5 tat-Tabella XIII-I, ma għandux jinbidel sal-1 ta' Mejju li jmiss.

Tabella XIII-I: Dikjarazzjonijiet ta' konformità

Ringiela Nru	Ċifra tal-istatus ta' konformità skont l-Artikolu 31	Emissjonijiet ivverifikati huma rreġistrati għas-sena li għaddiet kollha?	Simbolu	Dikjarazzjoni
			għandha tintwera fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL	
1	0 jew kwalunkwe numru pożittiv	Iva	A	"L-għadd tal-kwoti u ERUs/CERs ċeduti sat-30 ta' April huwa ikbar minn jew daqs l-emissjonijiet ivverifikati"
2	kwalunkwe numru negattiv	Iva	B	"L-għadd tal-kwoti u ERUs/CERs ċeduti sat-30 ta' April huwa inqas mill-emissjonijiet ivverifikati"
3	kwalunkwe numru	Le	C	"L-emissjonijiet ivverifikati għas-sena preċedenti ma ddaħħlux sat-30 ta' April"
4	kwalunkwe numru	Le (minħabba li l-proċess ta' ċediment ta' kwoti u/jew il-proċess ta' aġġornament tal-emissjonijiet ivverifikati kienu sospiżi għar-reġistru tal-Istat Memrbu)	X	"Dħul tal-emissjonijiet ivverifikati u/jew ċediment kienu impossibbli sat-30 ta' April minħabba li l-proċess ta' ċediment tal-kwoti u/jew il-proċess ta' aġġornament tal-emissjonijiet ivverifikati kienu sospiżi għar-reġistru tal-Istat Membru"
5	kwalunkwe numru	Iva jew Le (iżda sussegwentement aġġornati mill-awtorità kompetenti)	* *[miżjud mas-simbolu inizjali]*	"L-emissjonijiet ivverifikati ġew stmati jew ikkoreġuti mill-awtorità kompetenti"

2. L-EUTL għandu juri t-tagħrif ġenerali li ġej, fuq il-websajt pubblika tal-EUTL, u għandu jaġġornah kull 24 siegħa:

(a) It-tabella tal-pjan nazzjonali tal-allokazzjoni ta' kull Stat Memrbu, inklużi l-indikazzjonijiet tal-korrezzjonijiet kollha li saru lit-tabella skont l-Artikolu 37;

(b) It-tabella tal-Unjoni dwar l-allokazzjonijiet tal-avjazzjoni, inklużi l-indikazzjonijiet tal-korrezzjonijiet kollha li saru lit-tabella skont l-Artikolu 38;

(c) kwalunkwe tabella ta' twarrib imfassla skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/780/KE [1];

(d) L-għadd totali ta' kwoti, ERUs u CERs miżmuma fir-reġistru tal-Unjoni fil-kontijiet kollha tal-utenti fil-jum preċedenti;

(e) Lista tal-IDs tal-unita tal-kwoti, is-CERs u l-ERUs kollha li kienu ċeduti, li jiġu mmarkati dawk l-unitajiet li kienu trasferiti mill-kont li kienu ċeduti fih u issa huma miżmuma f'kontijiet ta' depożitu ta' persuna jew f'kontijiet ta' depożitu ta' operatur. Fil-każ ta' CERs u ERUs, għandhom jintwerew ukoll l-isem tal-proġett, il-pajjiż tal-oriġini u l-ID tal-proġett;

(f) L-elenkar tat-tip ta' unitajiet ta' Kjoto għajr is-CERs u l-ERUs li jistgħu jinżammu f'kontijiet tal-utent amministrati minn amministratur nazzjonali partikolari skont il-punt 1. tal-Anness I;

(g) L-għadd totali ta' CERs u ERUs li l-operaturi f'kull Stat Memrbu għandhom permess iċedu għal kull perjodu skont l-Artikolu 11a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(h) It-tariffi mitluba mill-amministraturi nazzjonali skont l-Artikolu 76.

3. Fit-30 ta' April ta' kull sena, l-EUTL għandu juri t-tagħrif ġenerali li ġej, fuq il-websajt pubblika tiegħu:

(a) il-perċentwali tas-sehem tal-kwoti ċeduti f'kull Stat Membru fis-sena kalendarja preċedenti li kienu ċeduti mill-kont li kienu allokati għalih;

(b) is-somma ta' emissjonijiet ivverifikati minn Stat Membru li ddaħħlet fis-sena kalendarja preċedenti bħala persentaġġ tal-somma tal-emissjonijiet vverifikati tas-sena ta' qabel dik;

(c) il-perċentwali tas-sehem li jappartieni għal kontijiet amministrati minn Stat Memrbu partikolari fil-għadd u l-volum tat-tranżazzjonijiet kollha ta' trasferiment ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto fis-sena kalendarja preċedenti;

(d) il-perċentwali tas-sehem li jappartieni għal kontijiet amministrati minn Stat Membru partikolari fil-għadd u l-volum tat-tranżazzjonijiet kollha ta' trasferiment ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto fis-sena kalendarja preċedenti bejn kontijiet amministrati minn Stati Membri differenti.

4. L-EUTL għandu juri t-tagħrif li ġej fuq il-websajt pubbliku tal-EUTL dwar kull tranżazzjoni kompluta rreġistrata mill-EUTL, sal-1 ta' Jannar tal-ħames sena wara s-sena tar-reġistrazzjoni tat-tagħrif.

(a) isem id-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-Kont tal-kont ta' trasferiment;

[1] ĠU L 316, 16.11.2006, p. 12.

(b) isem id-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-Kont tal-kont tal-akkwist;

(c) kwoti jew unitajiet ta' Kjoto involuti fit-tranżazzjoni bil-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' unità;

(d) kodiċi ta' identifikazzjoni ta' tranżazzjoni;

(e) data u ħin meta tlestiet it-tranżazzjoni (fil-Ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(f) It-tip tat-tranżazzjoni.

Tagħrif disponibbli għal detenturi ta' kont

5. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu juri t-tagħrif li ġej fuq il-parti tal-websajt tar-reġistru tal-Unjoni aċċessibbli biss għad-detenturi ta' kont, u għandu jaġġorna fil-ħin reali:

(a) depożiti attwali ta' kwoti u unitajiet ta' Kjoto, bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-unità;

(b) lista ta' tranżazzjonijiet proposti mibdija minn dak id-detentur ta' kont, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni proposta

(i) l-elementi fil-paragrafu 4;

(ii) id-data u l-ħin meta ġiet proposta t-tranżazzjoni (fil-Ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(iii) l-istatus attwali ta' dik it-tranżazzjoni proposta;

(iv) kwalunkwe kodiċi ta' rispons li waslet lura wara l-kontrolli magħmula mir-reġistru u l-EUTL

(c) lista tal-kwoti jew unitajiet ta' Kjoto miksuba minn dak il-kont bħala riżultat ta' tranżazzjonijiet li tlestew, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni tal-elementi fil-punt 4;

(d) lista tal-kwoti jew unitajiet ta' Kjoto trasferiti minn dak il-kont bħala riżultat ta' tranżazzjonijiet li tlestew, bid-dettalji għal kull tranżazzjoni tal-elementi fil-punt 4;

Tagħrif disponibbli għall-amministraturi nazzjonali

6. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu juri t-tagħrif li ġej fuq il-parti tal-websajt tar-reġistru tal-Unjoni aċċessibbli biss għall-amministraturi nazzjonali:

(a) Il-bilanċ attwali u l-istorja tat-tranżazzjonijiet tal-kont ETS ta' approvazzjoni ċentrali, il-kont ta' depożitu Gateway, il-kont tal-Unjoni ta' tneħħija ta' kwoti u l-Kont ta' Twarrib u Ċediment tal-Avjazzjoni;

(b) Id-detenturi ta' kont u r-rappreżentattivi awtorizzati li l-aċċess tagħhom għal kull kont fir-reġistru tal-Unjoni ġie sospiż minn kwalunkwe amministratur nazzjonali skont l-Artikolu 27.